

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 47



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

25 ta' Frar 2010

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kunsill

2010/C 47/01

Opinjoni tal-Kunsill tad-2 ta' Diċembru 2009 Dwar il-kumplament għall-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Belġju, 2008-2012

1

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

2010/C 47/02

Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni biex jiġi varat l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fl-Ewropa u l-Proposta li takkumpanjaha għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-qafas biex jiġi varat l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interfaċċji ma' modi oħra ta' trasport

6

Prezz:
3 EUR

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

II *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni Ewropea

2010/C 47/03	Awtorizzazzjoni għal għajna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezjonax ⁽¹⁾	16
2010/C 47/04	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5768 – Klöckner/Becker) ⁽¹⁾	20
2010/C 47/05	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5771 – CSN/CIMPOR) ⁽¹⁾	20

IV *Avviżi*

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni Ewropea

2010/C 47/06	Rata tal-kambju tal-euro	21
2010/C 47/07	Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni	22

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Awtorità ta' Sorveljanza EFTA

2010/C 47/08	Ma tikkostitwixxix għajna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE	23
--------------	--	----



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUNSILL

OPINJONI TAL-KUNSILL

tad-2 ta' Diċembru 2009

Dwar il-kumpliment għall-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Belġju, 2008-2012

(2010/C 47/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

- (1) Fit-(2 ta' Diċembru 2009) il-Kunsill eżamina l-kumpliment tal-aġġornament tal-programm ta' stabbiltà ta' April 2009 tal-Belġju (minn hawn 'il quddiem "il-kumpliment"), li jkopri l-perijodu mill-2008 sal-2012⁽²⁾, ippreżentat mill-awtoritajiet Belġjani b'risposta għall-istedina tal-Kunsill li kienet inkluża fl-opinjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2009 dwar il-programm ta' April 2009. L-opinjoni attwali taġġorna dik ta' Lulju, b'kont meħud tal-informazzjoni li hemm fil-kumpliment għall-programm ta' April 2009.
- (2) Il-kollass tal-kummerċ dinji flimkien mal-fiduċja li dejjem qed tonqos, l-effetti fuq il-ġid u kondizzjonijiet ta' kreditu aktar stretti wasslu għal tnaqqis qawwi tal-ekonomija fl-aħħar kwart tal-2008 u l-ewwel kwart tal-2009. Fit-tieni kwart, it-tnaqqis kien iżjed limitat u t-tkabbir għal kull kwart mistenni li jkun kemmxejn iżjed pożittiv fit-tieni nofs tas-sena b'riżultat tat-titjib fl-ambjent internazzjonali. Skont it-tbassir għall-ħarifa tal-2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-PDG annwali mistenni jonqos madwar 3 % fl-2009 u jmur għall-aħjar fl-2010 (0,6 %). Fl-2011, it-tkabbir hu proġettat li jiżjed għal 1,5 %, b'hekk jiskorri daqsxejn it-tkabbir potenzjali li ċkien minħabba n-nuqqas fl-investiment u ż-żieda fir-rata tal-qgħad fil-kuntest tal-kriżi. It-tnaqqis ser ikollu wkoll impatt ħażin sinifikanti fuq il-finanzi pubbliċi; skont it-tbassir għall-ħarifa tal-2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern ser jidde-terjora minn 1,2 % tal-PDG fl-2008 għal madwar 6 % tal-PDG fl-2009. L-iżbilanċ mistenni li jstabbilizza fl-2010 u l-2011 meta jiġu meqjusa (i) li l-impatt baġitarju tal-miżuri ta' stimolu adottati fl-aħħar tal-2008 b'reazzjoni għall-PERE jibqa' 0,5 % tal-PDG, fl-2010, li jirrifletti li l-pakkett jinkludi miżuri permanenti, u (ii) il-miżuri ta' konsolidament adottati mil-livelli differenti governattivi fil-kuntest tal-baġits tagħhom għall-2010 (0,75 % tal-PDG) u l-2011 (0,25 % tal-PDG). Iżda l-qagħda diffiċli tat-tkabbir ekonomiku fl-2010 b'żieda oħra qawwija fil-qgħad, infiq b'interessi ogħla, kif ukoll żieda fl-infiq marbuta mat-tixjiħ tal-popolazzjoni (li wkoll jirrifletti l-miżuri meħudin fis-snin reċenti biex jiżiedu l-benefiċċji soċjali, inklużi l-pensjonijiet), huma mistennija li jikkumpensaw għal kollox l-impatt tal-miżuri ta' konsolidament fuq il-bilanċ bażiku.

(1) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fuq il-websajt li jidher hawn taħt: http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm

(2) L-aġġornament ta' April 2009 tal-programm ta' stabbiltà kopra l-perijodu bejn l-2008 u l-2013.

- (3) Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huwa msejjes il-kumplament jipprevedi li, wara li kiber b'1,1 % fl-2008, il-PDG reali ser jonqos bi 3,1 % fl-2009 qabel ma jirkupra b'rata ta' tkabbir ta' 0,4 % fl-2010. Minn hemm 'il quddiem, ir-rata ta' tkabbir tal-PDG hija proġettata li tkun 1,9 % fl-2011 u 2,4 % fl-2012. Imqabbel mal-aġġornament tal-programm ta' April 2009, it-tkabbir ġie rivedut 'l isfel, speċjalment fl-2009. Meta jiġi vvalutat skont l-informazzjoni disponibbli bħalissa ⁽¹⁾, dan ix-xenarju jidher li huwa ġeneralment plawsibbli; din il-valutazzjoni forsi hija daqsxejn kawta għall-perijodu 2009-2010, imma xi ftit favorevoli għas-snin ta' barra meqjusa mal-istimi l-iżjed riċenti tal-produzzjoni potenzjali. Filwaqt li t-tbassir għall-ħarifa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni wkoll jistenna li jitnaqqas ftit ftit id-distakk tal-produzzjoni wara t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, ir-rata proġettata għat-tnaqqis fid-distakk tal-kumplament tidher x'aktarx ottimista. Il-kompożizzjoni tat-tkabbir hija ġeneralment plawsibbli tul il-perijodu kollu tal-kumplament. It-tbassir dwar l-inflazzjoni fil-kumplament jista' jitqies bħala realistiku. Min-naħa l-oħra, it-tkabbir proġettat fil-pagi jidher daqsxejn għoli tul il-perijodu kollu minħabba li tkabbir iżgħar fl-ispejjeż tal-pagi f'pajjiżi oħra għandu mnejn jeżerċita pressjoni 'l isfel fuq il-pagi Belġjani fil-kuntest ta' rata għolja ta' qgħad. Fl-aħħar nett, il-projezzjoni fil-kumplament dwar iż-żieda fl-impjegji għall-2011 jista' jkun ukoll daqsxejn ottimist.
- (4) Il-kumplament jinkludi mira tal-iżbilanċ għall-2009 ta' 5,9 % tal-PDG (skont it-tbassir għall-ħarifa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni). Iż-żieda fl-iżbilanċ fl-2009 mqabbla ma' 1,2 % tal-PDG fl-2008 tirrifletti primarjament l-impatt tal-istabbilizzaturi awtomatiċi. Dan l-impatt kien ħafna iżjed importanti milli jidher minn applikazzjoni tal-elastiċitajiet standard, u b'mod partikolari jinkludi tnaqqis qawwi fid-dħul mit-taxxi korporattivi. Il-miżuri favur it-tkabbir fil-baġit tal-2009 (0,5 % tal-PDG) u l-pakketti ta' stimolu fiskali mwaqqfa mill-gvernijiet reġjonali u federali (0,5 % tal-PDG) kienu relattivament ikkontrollati skont il-limitazzjonijiet ta' manuvrar ikkawżati mil-livell għoli ta' dejn. Fl-aħħar nett, id-deterjorazzjoni tal-baġit tirrifletti wkoll miżuri negattivi ta' darba ta' madwar 0,5 % tal-PDG, prinċipalment wara żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti ⁽²⁾. Bħala riżultat ta' dawn il-miżuri ta' darba u impatt ikbar milli mistenni tal-istabbilizzaturi awtomatiċi, il-mira attwali tal-iżbilanċ għall-2009 hija 2,5 % tal-PDG ogħla minn dik tal-aġġornament ta' April 2009 tal-programm ta' stabbiltà, filwaqt li ma ttieħdux miżuri addizzjonali favur it-tkabbir. L-iżbilanċ strutturali (jiġifieri l-bilanċ aġġustat ċiklikament nett mill-miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra), skont it-tagħrif mogħti fil-kumplament u kkalkulat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni skont il-metodoloġija maqbula, hu proġettat li ser jilħaq l-4,7 % tal-PDG fl-2009, meta mqabbel ma' 2,3 % fl-2008. It-tbassir għall-ħarifa tal-2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni jistenna żieda kemmxejn iżgħar fl-iżbilanċ strutturali fl-2009 (bi 2 flok 2,4 punti perċentwali), primarjament minħabba li l-kumplament ma qiesx li l-impatt ta' 0,5 % tal-PDG ikkawżat mid-deċiżjonijiet tal-Qorti fl-2009 kien se jkun ta' darba biss.
- (5) L-għan prinċipali tal-istrateġija baġitarja fil-kumplament fuq medda medja ta' żmien huwa li jiżgura treggħigh lura gradwali għal baġit bilanċjat sal-2015. Il-kumplament ma jsemmix espliċitament l-MTO u lanqas ma jipprevedi l-Objettiv oriġinali tal-Belġju fuq Medda Medja ta' Żmien (eċċess ta' 0,5 % tal-PDG f'termini adattati ċiklikament u nett minn miżuri ta' darba jew miżuri oħra temporanji) li għandu jintlaħaq fi żmien il-perijodu kopert mill-kumplament. L-iżbilanċ bażiku ser jistabbilizza għal madwar 6 % tal-PDG fl-2010 bis-saħħa ta' 0,5 % tal-PDG f'miżuri korrettivi, qabel ma jibda bil-mod il-mod jitjieb għal 4,4 % tal-PDG sal-2012 (bis-saħħa ta' miżuri ta' konsolidament li jammontaw għal 1 % fl-2011 u 1,25 % fl-2012). Il-kumplament isemmi l-2013 bħala mira biex jitnaqqas l-iżbilanċ għal inqas minn 3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG, iżda ma jipprovdi xenarju sħiħ għal dik is-sena ⁽³⁾. L-iżbilanċ strutturali fil-kumplament, ikkalkulat mil-ġdid skont il-metodoloġija li hemm qbil komuni dwarha, ser jitjieb b'madwar 0,25 ta' punt perċentwali kemm fl-2010 kif ukoll fl-2011 u b'0,5 punt perċentwali fl-2012. Minħabba l-fatt li l-kumplament ma kkunsidrax li l-impatt ta' 0,5 % tal-PDG kkawżat mid-deċiżjonijiet tal-Qorti fl-2009 kien ta' darba biss, il-bilanċ strutturali attwalment ser jiddeterjora bi 0,25 % tal-PDG fl-2010 (minn - 4,2 % tal-PDG fl-2009 għal - 4,4 % tal-PDG fl-2010). L-aġġustamenti strutturali previsti fil-kumplament huma iżgħar sew mill-ammonti tal-miżuri pplanati msemmijin hawn fuq. Dan jirrifletti li l-bilanċ strutturali skont politiki mhux mibdula awtomatikament jiddeterjoraw b'medja ta' 0,5 % tal-PDG fis-sena bħala riżultat tal-qagħda ħażina tat-tkabbir ekonomiku fl-2010, ta' infiq ogħla fuq l-interessi, u ta' infiq ogħla marbut mat-tixjij tal-popolazzjoni (li jirrifletti wkoll il-miżuri li ttieħdu fis-snin riċenti biex jiżiedu l-benefiċċji soċjali, li jinkludu l-pensjonijiet). Skont il-kumplament, l-isforz ippjanat għall-konsolidament huwa msejjes ugwalment fuq żidiet fid-dħul mit-taxxi (b'mod

⁽¹⁾ Din il-valutazzjoni tqis partikolarment it-tbassir tal-ħarifa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni.

⁽²⁾ L-ewwel, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-taxxi korporattivi kellhom jitħallsu lura minħabba li s-sistema Belġjana tat-tnaqqis tad-dividendi ma kienx kompatibbli mad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti. It-tieni, il-Qorti Kostituzzjonali Belġjana ddeċidiet li l-ħlasijiet żejda tat-taxxi fuq id-dħul kellhom jitħallsu lura lill-koppji qiegħda, kemm daww koabitanti kif ukoll daww miżżewġin biex ikun żgurat trattament ugwali.

⁽³⁾ Il-programm jipprovdi l-iżbilanċi bażiċi għall-2013 sal-2015 (2,8 % tal-PDG fl-2013, 1,3 % tal-PDG fl-2014 u 0 % tal-PDG fl-2015), iżda ma jipprovdi analiżi mqassma jew xenarju makroekonomiku ulterjuri biex isaħħaħ dawn il-miri.

partikolari t-taxxi tad-dħul u fuq il-ġid) u tnaqqis fl-infiq (b'mod partikolari dak fuq il-konsum inter-medju, fuq il-kumpens tal-impjegati u trasferimenti soċjali mhux finanzjarji). Il-kumplament jistma li d-dejn tal-gvern qiegħed 89,6 % tal-PDG fl-2008, imqabbel mal-84 % tal-PDG fl-2007, fejn iż-żieda hija primarjament b'riżultat tal-aġġustament sinifikanti għall-fluss tal-istokk li rriżulta mill-operazzjonijiet biex isalvaw il-banek (6 % tal-PDG). Il-kumplament jistenna li l-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG ser ikompli jiżdied għal madwar 104 % fl-2011 fejn jistabbilizza ruħu b'mod ġenerali; dan huwa sostanzjalment oġhla milli jidher fl-aġġornament ta' April (l-iżjed minħabba l-iżbilanċi ikbar). It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2009 jipproġetta żieda komparabbli fil-proporzjon tad-dejn.

- (6) Il-miri baġitarji huma ġeneralment suġġetti għal xi riskji negattivi, prinċipalment mill-2011. Dan huwa l-ewwel nett minħabba l-ambjent inċert makroekonomiku u għalhekk ma jistgħux jiġu esklużi riżultati agħar milli mistennija mill-kumplament fl-2011 u l-2012. It-tieni, il-miżuri ta' konsolidament imsem-mijin fil-kumplament biex jappoġġaw il-miri mhumiex speċifikati biżżejjed. Filwaqt li għall-2010 jidher, abbażi tal-abbozzi tal-baġits għall-2010 tal-livelli governattivi differenti, li ġew miftiehma wara l-preżen-tazzjoni tal-kumplament, li l-ammont tal-miżuri korrettivi huwa oġhla minn 0,5 % tal-PDG previst fil-kumplament, minħabba li l-miżuri li huma speċifikati biżżejjed bħalissa jammontaw għal madwar 0,75 % tal-PDG, għas-snin ta' wara f'hemm informazzjoni disponibbli dwar x'inhuma l-miżuri ppjanati. Fl-aħħar nett, il-gvern offra garanziji mdaqqsin lis-settur bankarju u dan jista' jtella' l-iżbilanċi u d-dejn fil-ġejjieni sal-punt li jiġu miġbura, għalkemm xi parti mill-ispejjeż li għamel il-gvern b'appoġġ għas-settur finanzjarju tista' wkoll tiġi rkuprata fil-ġejjieni. Min-naħa l-oħra, ma jistax ikun eskluż li bl-istess mod li kien hemm tnaqqis fid-dħul fl-2009, iżjed milli kien proġettat, ikun hemm iżjed ċaqliq fid-dħul mit-taxxi milli jissuġġerixxu l-elastiċitajiet normali. Fid-dawl tar-riskji għall-miri baġitarji, l-evoluzzjoni tal-proporzjon tad-dejn tista' wkoll tkun anqas favorevoli minn dik proġettata fil-kumplament.
- (7) Il-pożizzjoni fiskali, mkejla mill-bidla kkalkulata mill-ġdid fil-bilanċ strutturali tal-kumplament, u meta jkun meqjusa r-riskji msemmijin hawn fuq, hija espansiva fl-2009, konformi mal-PERE, u għall-bqija tal-perijodu tal-programm, ġeneralment newtrali. Fid-dawl tar-riskji marbutin mas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, li jinkludu l-livell għoli ħafna ta' dejn governattiv li barra minn hekk, mhuwiex jonqos biżżejjed lejn il-valur ta' referenza tul il-perijodu tal-programm, u fid-dawl ta' obligazzjonijiet kontin-ġenti konsiderevoli li jsegwu l-miżuri biex jistabbilixxu s-sistema finanzjarja, il-proċess tal-konsolidament għandu jittqawwa b'mod konsiderevoli mill-2011 'il quddiem.
- (8) Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-data speċifikati fil-kodiċi tal-kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-kumplament tejjeb il-konformità mar-rekwiżiti tal-kodiċi tal-kondotta minkejja li fadal xi lakuni fid-data obligatorja u dik volontarja (1).

Il-konklużjoni ġenerali hija li l-pożizzjoni fiskali espansiva fl-2009 hija konformi mal-PERE. Il-miżuri diskrezzjonali ta' sostenn, flimkien mal-ħidma tal-istabbilizzaturi awtomatiċi ser jimbuttaw l-iżbilanċ bażiku sa kważi 6 % tal-PDG. Il-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern mqabbel mal-PDG, li reġa' żdied fl-2008 bħala riżultat tal-miżuri biex tiġi stabbilizzata s-sistema finanzjarja, ser jissokta jiżdied sa 104 % fl-2012. Dan iseħħ wara tnaqqis impressjonanti, minn 134 % fl-1993 għal 84 % fl-2007, imsejjes fuq il-kisba ta' baġits ibbilanċjati. Il-proċess tal-konsolidament fil-kumplament jimmira li jnaqqas gradwalment l-iżbilanċ bażiku għal 4,4 % fl-2012 u wara hekk, jerġa' jkompli jonqos għal 2,8 % tal-PDG fl-2013 u jkun hemm baġit ibbilanċjat fl-2015. Ġeneralment il-proċess huwa soġġett għar-riskju negattiv mill-2011, minħabba l-fatt li l-miżuri li hu msejjes fuqhom mhumiex speċifikati biżżejjed u minħabba s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi pjuttost favorevoli. Fid-dawl tad-dinamika tad-dejn u s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, il-konsolida-ment ippjanat għandu jittqawwa b'mod konsiderevoli mill-2011 'il quddiem biex inaqas l-iżbilanċ b'mod definittiv sa inqas mil-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq u flimkien mal-istedin ta' qabel maħruġa fl-opinjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009 għat-titjib tal-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq medda twila ta' żmien, il-Belġju mistieden ukoll jikseb l-ammont tal-miżuri ta' konsolidament fl-2010 kif ippjanat fl-abbozz tal-baġit għall-2010 u jsaħħaħ b'mod konsiderevoli l-isforz għall-aġġustament sa mill-2011 permezz ta' miżuri strutturali speċifiċi, biex b'mod deċiżiv iniżżel l-iżbilanċ għal inqas mill-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG.

(1) B'mod partikolari, mhijiex mogħtija t-tabella li turi l-iżviluppi ċikliċi.

Tqabbil tal-projezzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji ewlenin

		2007	2008	2009	2010	2011	2012
PDG reali (% ta' bidla)	PS Sett 2009	2,8	1,1	- 3,1	0,4	1,9	2,4
	COM ħarifa 2009	2,9	1,0	- 2,9	0,6	1,5	m.a.
	PS Apr 2009	2,8	1,1	- 1,9	0,6	2,3	2,3
Inflazzjoni HICP (%)	PS Sett 2009	1,8	4,5	0,0	1,5	1,6	1,6
	COM ħarifa 2009	1,8	4,5	0,0	1,3	1,5	m.a.
	PS Apr 2009	1,8	4,5	0,7	1,8	1,8	1,7
Lakuna fil-produzzjoni ⁽¹⁾ (% tal-PDG potenzjali)	PS Sett 2009	2,6	2,0	- 2,3	- 2,9	- 2,3	- 1,5
	COM ħarifa 2009	2,4	1,7	- 2,3	- 2,8	- 2,4	m.a.
	PS Apr 2009	2,3	1,5	- 1,9	- 2,7	- 1,9	- 1,2
Tisliġ/self nett fir-rigward tal-bqija tad-dinja (% tal-PDG)	PS Sett 2009	2,1	- 1,6	- 1,9	- 2,1	- 2,3	m.a.
	COM ħarifa 2009	3,5	- 0,2	0,1	0,4	0,3	m.a.
	PS Apr 2009	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Dħul ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)	PS Sett 2009	m.a.	48,7	47,9	48,1	48,5	49,2
	COM ħarifa 2009	48,2	48,8	47,7	48,0	48,2	m.a.
	PS Apr 2009	48,1	48,6	48,2	m.a.	m.a.	m.a.
Nefqa ġenerali tal-Gvern (% tal-PDG)	PS Sett 2009	m.a.	49,9	53,8	54,1	53,9	53,6
	COM ħarifa 2009	48,4	50,0	53,6	53,8	54,0	m.a.
	PS Apr 2009	48,3	49,8	51,6	m.a.	m.a.	m.a.
Bilanċ ġenerali tal-Gvern (% tal-PDG)	PS Sett 2009	m.a.	- 1,2	- 5,9	- 6,0	- 5,5	- 4,4
	COM ħarifa 2009	- 0,2	- 1,2	- 5,9	- 5,8	- 5,8	m.a.
	PS Apr 2009	- 0,2	- 1,2	- 3,4	- 4,0	- 3,4	- 2,6
Bilanċ primarju (% tal-PDG)	PS Sett 2009	m.a.	2,5	- 2	- 1,9	- 1,2	- 0,1
	COM ħarifa 2009	3,6	2,6	- 2,0	- 1,8	- 1,7	m.a.
	PS Apr 2009	3,6	2,5	0,4	- 0,1	0,6	1,5
Bilanċ aġġustati ċiklikament ⁽²⁾ (% tal-PDG)	PS Sett 2009	- 1,6	- 2,3	- 4,7	- 4,4	- 4,2	- 3,6
	COM ħarifa 2009	- 1,5	- 2,1	- 4,6	- 4,3	- 4,5	m.a.
	PS Apr 2009	- 1,5	- 2,0	- 2,4	- 2,6	- 2,4	- 1,9
Bilanċ strutturali ⁽³⁾ (% tal-PDG)	PS Sett 2009	- 1,5	- 2,3	- 4,7	- 4,4	- 4,2	- 3,6
	COM ħarifa 2009	- 1,4	- 2,2	- 4,2	- 4,4	- 4,5	m.a.
	PS Apr 2009	- 1,3	- 2	- 2,4	- 2,6	- 2,4	- 1,9

		2007	2008	2009	2010	2011	2012
Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG)	PS Sett 2009	m.a	89,7	97,5	101,9	103,9	104,3
	COM ħarifa 2009	84,2	89,8	97,2	101,2	104,0	m.a
	PS Apr 2009	84,0	89,6	93,0	95,0	94,9	93,9

Noti:

- (¹) Lakuni fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament mill-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-kumpliment.
- (²) Ibbażat fuq stima tat-tkabbir potenzjali ta' 1,9 %, 1,7 %, 1,1 %, 1,0% u 1,2 % rispettivament fil-perijodu 2007-2011.
- (³) Bilanċ aġġustat ċiklikament li jeskludi miżuri ta' darba u oħrajn temporanji. Miżuri ta' darba u oħrajn temporanji huma 0 tul il-perijodu kollu skont il-kumpliment. Skont it-tbassir għall-ħarifa tal-2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-miżuri ta' darba jnaqqsu l-iżbilanċ kemm fl-2008 kif ukoll fl-2010 (0,1 % tal-PDG) u jżidu l-iżbilanċ fl-2009 (0,5 % tal-PDG).

Sors:

Il-kumpliment ta' Settembru 2009 tal-aġġornament tal-programm ta' stabbilizzazzjoni (PS) ta' April 2009; It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2009 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni biex jiġi varat l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fl-Ewropa u l-Proposta li takkumpanjaha għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-qafas biex jiġi varat l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interfaċċji ma' modi oħra ta' trasport

(2010/C 47/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 li waslet fil-11 ta' Frar 2009 mill-Kummissjoni Ewropea,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li tiddefinixxi Pjan ta' Azzjoni biex jiġi varat l-

użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fl-Ewropa ("il-Komunikazzjoni")⁽¹⁾. Il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas biex jiġi varat l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interfaċċji ma' modi oħra ta' trasport ("l-Proposta")⁽²⁾. Il-Komunikazzjoni u l-proposta li takkumpanjaha ntbagħtu mill-Kummissjoni lill-KEPD għall-konsultazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001⁽³⁾.

2. Il-KEPD jilqa' l-fatt li hu jiġi kkonsultat u jirakkomanda li ssir referenza għal din il-konsultazzjoni fil-premessi tal-proposta, b'mod simili għal numru ta' testi leġiżlattivi oħra li l-KEPD kien ikkonsultat dwarhom, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

1.1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni biex jiġi varat l-użu tas-SIT fl-Ewropa

3. "Sistemi Intelliġenti tat-Trasport" ("SIT") huma applikazzjonijiet avvanzati li jużaw Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT), li huma inkorporati f'modi differenti ta' trasport għall-interazzjoni bejniethom. Fil-qasam tat-trasport bit-triq, is-SIT ser jipprovdu servizzi innovattivi dwar il-modi ta' trasport u l-ġestjoni tat-traffiku għal diversi utenti bħal vjaġġaturi, utenti u operaturi tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq, managers ta' flotot u operaturi tas-servizzi ta' emerġenza.

4. B'kont meħud tal-varar li qed jikber ta' SIT f'diversi modi ta' trasport⁽⁴⁾ fl-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni biex jiġu aċċellerati l-introduzzjoni

⁽¹⁾ COM(2008) 886 finali. Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-Komunikazzjoni fl-2935 laqgħa tal-Kunsill dwar it-Trasport, it-Telekomunikazzjoni u l-Enerġija fit-30 u l-31 ta' Marzu 2009.

⁽²⁾ COM(2008) 887 finali.

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' din id-data, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

⁽⁴⁾ Hemm ħafna inizjattivi fil-livell tal-UE li jintegraw is-SIT ma' diversi modi ta' trasport li jinkludu t-trasport bl-ajru (SESAR), in-navigazzjoni (RIS), il-ferrovija (ERTMS, TAF-TSI), it-tbaħħir (VTMIS, AIS, LRIT), u t-trasport bit-triq (eToll, eCall), ara COM(2008) 886 finali p.3.

u l-użu tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-SIT fil-qasam tat-trasport bit-triq. Il-pjan għandu wkoll l-għan li jiżgura l-interazzjoni tagħhom ma' modi oħra ta' trasport, li ser jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi multimodali. Il-varar koerenti tas-SIT fl-Ewropa ser iservi diversi objettivi Komunitarji, inklużi l-effiċjenza, is-sostenibbiltà, is-sigurtà u s-sikurezza tat-trasport, waqt li jitravmu s-suq intern u l-kompetittività tal-UE. Fid-dawl tad-diversità tal-objettivi segwiti biex jiġi varat l-użu tas-SIT, il-Komunikazzjoni tiddekrivi sitt oqsma ta' prijorità għall-azzjoni fil-perijodu 2009-2014. Biex jiġi implimentat il-pjan, il-Kummissjoni pproponiet li qafas legali huwa ddefinit fil-livell tal-UE permezz ta' Direttiva, li taħtha ser jiġu ddefiniti numru ta' miżuri fl-oqsma ta' prijorità magħżulin.

1.2. Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-qafas biex jiġi varat l-użu tas-SIT fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interfaċċi ma' modi oħra ta' trasport

5. Il-Proposta tistabbilixxi qafas biex jiġi varat l-użu tranżnazzjonali tal-applikazzjonijiet tas-SIT li huwa maħsub biex jiffaċilita l-forniment ta' servizzi transkonfini armonizzati, notevolment għall-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar u l-ġestjoni tat-traffiku. Dan jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu diversi miżuri tekniċi biex jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' data bejn l-utenti, l-awtoritajiet pubbliċi, il-partijiet interessati rilevanti u l-fornituri tas-servizzi tas-SIT u biex fil-vetturi u fl-infrastruttura tat-toroq jiġu integrati sistemi tas-SIT li huma relatati mas-sigurtà u s-sikurezza. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-applikazzjonijiet u s-sistemi tas-SIT ferba' oqsma ta' prijorità⁽⁵⁾ elenkati fil-pjan ta' azzjoni ser jiġu ddefiniti permezz ta' proċedura ta' kumitat⁽⁶⁾, li l-elementi ċentrali tagħha huma speċifikati f'Anness II. Madankollu l-għanijiet speċifiċi tal-użu tas-SIT f'dawn l-oqsma mhumiex ċari. Barra minn hekk, il-varar tas-SIT jista' jestendi għal ħafna aktar oqsma milli l-erba' inizjalment magħżulin għall-iżilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati. Waqt li l-Proposta tittratta prinċipalment il-varar ta' applikazzjonijiet u servizzi futuri tas-SIT, hija għandha wkoll, fejn fattibbli, tinkludi t-teknoloġiji eżistenti jew li attwalment qed jiżviluppaw fdak il-qasam (bħall-eCall, eToll, eċċ.).

6. Il-Proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew, li adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁽⁷⁾ fit-23 ta' April 2009.

- (5) L-Artikolu 4 tal-Proposta jipprevedi d-definizzjoni tal-miżuri tekniċi fl-oqsma li ġejjin: (i) l-aħjar użu ta' data dwar it-toroq, it-traffiku u l-ivvjaġġar, (ii) il-kontinwità ta' servizzi tas-SIT tal-ġestjoni tat-traffiku u tal-merkanzija fuq kurituri Ewropej u fil-konurbazzjonijiet, (iii) is-sigurtà u s-sikurezza tat-toroq, u (iv) l-integrazzjoni tal-vettura fl-infrastruttura tat-trasport.
- (6) Il-Proposta tipprevedi proċedura regolatorja bi skrutinju, f'konformità mal-Artikolu 5(a)(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (7) Ir-riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-qafas biex jiġi varat l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interfaċċi ma' modi oħra ta' trasport, T6-0283/2009.

Flimkien ma' talba għall-konsultazzjoni mill-Kunsill fid-29 ta' Jannar 2009, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni dwar il-Proposta fit-13 ta' Mejju 2009⁽⁸⁾.

1.3. Fokus tal-opinjoni

7. Il-KEPD jilqa' l-konsultazzjoni dwar il-pjan propost ta' varar tas-SIT imressaq mill-Kummissjoni. Din mhijiex l-ewwel darba li l-KEPD qed jitratta l-kwistjonijiet imqajmin fil-Pjan ta' Azzjoni tas-SIT tiegħu. Il-KEPD ta opinjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-iffaċilitar tal-infurzar transkonfini fil-qasam tas-sigurtà tat-toroq⁽⁹⁾ u kkontribwixxa għall-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar dokument ta' ħidma dwar l-eCall⁽¹⁰⁾.
8. Is-Sistemi Intelliġenti tat-Trasport huma bbażati fuq il-għbir, l-ipproċessar u l-iskambju ta' varjetà wiesgħa ta' data, minn sorsi pubbliċi u privati; għalhekk huma jikkostitwixxu żona ta' data intensiva. Il-varar tas-SIT ser iserraħ fil-biċċa l-kbira fuq it-teknoloġiji ta' ġeolokalizzazzjoni bħat-teknoloġiji tal-pożizzjonar bis-satellita u mingħajr kuntatt, bħar-RFID, li ser jiffaċilitaw il-forniment ta' varjetà ta' servizzi pubbliċi u/jew kummerċjali bbażati fuq il-lokalizzazzjoni (eż. l-informazzjoni dwar it-traffiku fil-ħin reali, l-eFreight, l-eCall, l-eToll, ir-riżervazzjoni tal-parkeġġ, eċċ.). Ftit mill-informazzjoni li ser tiġi proċessata permezz tas-SIT tinġabar flimkien – bħal dik dwar it-traffiku, l-inċidenti u l-oportunitajiet – u ma tiġi relatata mal-ebda individwu, waqt li informazzjoni oħra tiġi relatata ma' individwi identifikati jew identifikabbli u għalhekk tikkwalifika bħala data personali fit-tifsira tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46/KE.
9. Il-KEPD iqis bħala essenzjali l-fatt li l-azzjonijiet ipjanati biex jiġi varat l-użu tas-SIT huma konsistenti mal-qafas legali eżistenti kif ikkwotat fil-Proposta, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-data⁽¹¹⁾ u d-Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza elettronika⁽¹²⁾.

(8) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas biex jiġi varat l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interfaċċi ma' modi oħra ta' trasport, TEN/382, 13 ta' Mejju 2009.

(9) Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-infurzar transkonfini fil-qasam tas-sigurtà tat-toroq, 2008/C 310/02, ĠU C 310, 5.12.2008, p. 9.

(10) Id-dokument ta' ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-protezzjoni tad-data u l-implikazzjonijiet tal-privatezza fl-inizjattiva tal-eCall, Grupp ta' Ħidma 125, 26 ta' Settembru 2006. http://ec.europa.eu/justice_home/fsj/privacy/docs/wpdocs/2006/wp125_en.pdf

(11) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(12) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

10. Kwistjonijiet mhux riżolti fil-protezzjoni tal-privatezza u tad-data ġew identifikati mill-Kummissjoni bħala wieħed mill-ostakoli prinċipali għall-promozzjoni tas-SIT. Dawn il-kwistjonijiet ser jiġu żviluppatti kif ġej f'din l-opinjoni:

- Fil-Kapitolu II, il-qafas legali mressaq mill-Kummissjoni biex jiġi varat l-użu tas-SIT ser jiġi analizzat minn perspettiva ta' protezzjoni tad-data,
- Il-Kapitolu III ser jenfasizza t-tħassib dwar il-protezzjoni tad-data li għandu jiġi indirizzat aktar biex jiġi varat l-użu tajjeb tas-SIT:
 - fl-ewwel punt, l-opinjoni ser tenfasizza l-ħtieġa għall-“privatezza fid-disinn” fl-iżvilupp tas-SIT u ser tiddekrivi aktar il-kwistjonijiet importanti li għandhom jiġu ttrattati fid-disinn tal-applikazzjonijiet tas-SIT u s-sistemi tal-ipproċessar tad-data,
 - it-tieni punt ser jiffoka fuq uħud mill-konsiderazzjonijiet dwar il-privatezza li għandhom jiġu indirizzati aktar għall-forniment tas-servizzi tas-SIT.

II. ANALIŻI TAL-QAFAS LEGALI PROPOST BIEX JIĠI VARAT L-UŻU TAS-SIT

11. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva fiha żewġ dispożizzjonijiet (il-premessa 9 u l-Artikolu 6) li jitrattaw il-privatezza, is-sigurtà u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni. L-Artikolu 6(1) tal-proposta tal-Kummissjoni jeħtieġ li t-tħaddim tas-SIT jitwettaq f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data stabbiliti, fost l-oħrajn, fid-Direttiva 95/46/KE u fid-Direttiva 2002/58/KE. Fil-Proposta tal-Kummissjoni, l-Artikolu 6(2) jipprevedi miżuri konkreti ta' protezzjoni tad-data prinċipalment minn perspettiva ta' sigurtà: L-Artikolu 6(2) tal-Proposta jiddikjara li “l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta u r-reġistri tas-SIT jiġu protetti kontra l-abbuż, fosthom l-aċċess illegali, tibdil jew telf”. Finalment, l-Artikolu 6(3) tal-Proposta tal-Kummissjoni jipprovdi li “d-Direttiva 2003/98/KE għandha tapplika”.
12. Il-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ppropona emendi li jikkonċernaw l-Artikolu 6. B'mod partikolari, qed jiżdiedu tliet paragrafi ġodda fl-Artikolu 6(1), li huma relatati mal-użu ta' data anonima fejn adatt, għall-ipproċessar ta' data sensitiva malli jingħata kunsens infurmat tas-suġġett tad-data biss, u biex ikun żgurat li d-data personali tiġi pproċessata biss “sakemm l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq tal-applikazzjoni u/jew tas-servizzi tas-SIT”. Barra

minn hekk, l-Artikolu 6(2) huwa mmodifikat billi jiżdied li d-data u u r-reġistri tas-SIT “ma jistgħux jintużaw għal għanijiet oħra għajr dawk imsemmijin fid-Direttiva.”

13. Il-KEPD jilqa' l-fatt li l-protezzjoni tad-data ġiet meqjusa fl-abbozzar tal-Proposta u li hija ppreżentata bħala kondizzjoni ġenerali biex jiġi varat l-użu tajjeb tas-SIT fl-Ewropa. Il-KEPD jirrikonoxxi li hemm ħtieġa għal armonizzazzjoni koerenti tal-proċessi tad-data fil-livell tal-UE sabiex tkun żgurata l-vijabbiltà tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-SIT madwar l-Ewropa.
14. Madankollu, il-KEPD innota li l-qafas legali propost huwa wiesa' u ġenerali wisq biex jindirizza b'mod adegwat it-tħassib dwar il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data mqajjem mill-varar tas-SIT fl-Istati Membri. Mhuwiex ċar meta t-twettiq tas-servizzi tas-SIT ser iwassal għall-ġbir u l-ipproċessar ta' data personali, x'inhuma l-għanijiet li għalihom isir proċessar tad-data, lanqas x'inhom l-bażi legali li tiġġustifika tali proċessar. Barra minn hekk, l-użu ta' teknoloġiji ta' lokazzjoni biex jiġi varat l-użu tas-SIT iqajjem ir-riskju li jiġu żviluppatti servizzi u intrużivi minn perspettiva ta' privatezza jekk ikunu jinkludu l-ġbir u l-iskambju ta' data personali. Barra minn hekk, il-Proposta ma tistabbilix b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tad-diversi operaturi li jintervjenu fil-katina tal-varar tas-SIT, u għalhekk huwa diffiċli li wieħed ikun jaf liema operaturi ser ikunu kontrollaturi tad-data u ser ikunu għalhekk responsabbli⁽¹³⁾ għall-konformità mal-obbligi tal-protezzjoni tad-data. L-operaturi ser jiffaċċjaw problemi konsiderevoli jekk dawn il-kwistjonijiet kollha ma jkunux iċċarati fil-liġi, peress li fl-aħħar mill-aħħar huma ser ikunu dawk responsabbli li japplikaw il-miżuri stabbiliti fid-Direttiva proposta.
15. Għalhekk hemm riskju li n-nuqqas ta' ċarezza tal-qafas legali propost ser joħloq diversità fl-implimentazzjoni tas-SIT fl-Ewropa u li, minflok inaqqas id-diverġenzi fost l-Istati Membri, għall-kuntrarju, ser iwassal għal inċertezza, frammentazzjoni u inkonsistenzi konsiderevoli, minħabba l-livelli differenti ta' protezzjoni tad-data fl-Ewropa. Dan jista' jwassal ukoll għal nuqqas ta' konformità mas-salvagwardji essenzjali għall-protezzjoni tad-data. Il-KEPD jenfasizza l-ħtieġa għal aktar armonizzazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet fil-livell tal-UE. B'hekk il-KEPD ser jissuġġerixxi modifiki għall-qafas legali propost minn perspettiva ta' protezzjoni tad-data. Huwa jirakkomanda b'mod qawwi li l-Parlament u l-Kunsill idaħħlu fil-Proposta l-modifiki proposti kif ukoll, fejn fattibbli, dispożizzjonijiet addizzjonali biex jiġu iċċarati kwistjonijiet pendenti (bħad-definizzjoni u r-responsabbiltà tal-atturi tas-SIT, l-iżvilupp ta' kuntratti armonizzati għall-forniment ta' servizzi tas-SIT, eċċ). Huwa jenfasizza wkoll li l-Istati Membri ser jerfġhu

⁽¹³⁾ F'konformità mal-Artikoli 2(d), 6(2) u 23 tad-Direttiva 95/46/KE, imsemmija fin-nota 11 f'qiegħ il-paġna.

wkoll ir-responsabbiltà fl-implimentazzjoni tad-Direttiva b'mod tajjeb sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jiżviluppaw sistemi u servizzi li joffru livell adatt ta' protezzjoni tad-data madwar l-Ewropa.

II.1. L-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data għandhom iserrħu fuq bażi legali adatta

16. Mhuwiex ċar meta ser jibda l-ipproċessar ta' data personali ladarba t-tagħmir tas-SIT jiġi integrat f'vettura u fuq liema bażi legali ser jitwettaq l-ipproċessar. L-operaturi jistgħu jserrħu fuq bażijiet legali differenti għall-ipproċessar tad-data, fost l-oħrajn il-kunsens inambigwu tal-utenti, il-kuntratt jew l-obbligu legali li miegħu l-kontrollur għandu jikkonforma. Hemm hteġġa li tiġi armonizzata l-bażi legali li fuqha l-ipproċessar tad-data permezz tas-SIT ser jitwettaq sabiex ikun żgurat li s-sistemi jaħdmu fl-Ewropa kollha u li l-utenti ma jbatux minn diverġenzi bil-mod kif iseħħ l-ipproċessar f'kull pajjiż tal-UE.
17. F'numru ta' każijiet is-sistemi tas-SIT ser jiġu integrati awtomatikament fil-vetturi. Notevolment dan huwa l-każ għas-sistemi tas-SIS relatati mas-sigurtà u s-sikurezza, li għandhom jiġu integrati fil-vetturi skont il-Proposta. Madankollu l-Proposta ma tiddefinixxix x'inhuma "sistemi tas-SIS relatati mas-sigurtà u s-sikurezza", u għalhekk għandu jiġi ċċarat aktar x'inhuma l-applikazzjonijiet u s-sistemi speċifiċi tas-SIT li għandhom jiġu inkorporati fil-vetturi. Barra minn hekk, għandu jkun iċċarat ukoll jekk l-attivazzjoni u l-użu tat-tagħmir hux ser isiru fuq bażi volontarja jew fuq bażi obbligatorja għall-utenti. L-għażla li jitwettaq proċessar tad-data fuq bażi mandatorja għandha ssir biss għal finijiet speċifiċi b'konsiderazzjoni ta' ġustifikazzjonijiet konvinċenti (eż. it-traċċar tajjeb tal-ġestjoni tal-merkanzija) u b'salvagwardji adatti fir-rigward tal-ipproċessar ta' data dwar individwi. Jekk l-użu tas-SIT isir fuq bażi volontarja, għandhom jiġu implimentati salvagwardji adatti biex jiġi evitat li minħabba s-sempliċi preżenza tas-sistema fil-vettura l-utenti jitqiesu li jkunu qablu impliċitament mal-użu tagħha.
18. Il-KEPD jiffavorixxi l-għażla li s-servizzi tas-SIT jiġu fornuti fuq bażi volontarja. Dan ifisser li l-utenti għandhom ikunu jistgħu jaqblu liberament mal-użu tas-sistema u mal-għanijiet partikolari li għalihom tkun ser tintuża. Meta s-servizz furnut iserraħ fuq id-data ta' lokazzjoni, għandha tiġi pprovduta informazzjoni adatta lill-utent (notevolment f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/58/KE), li għandu jkun f'pożizzjoni li jirtira dan il-kunsens. F'termini prattiċi, dan jeħtieġ l-introduzzjoni ta' mod sempliċi ta' diżattivazzjoni tat-tagħmir u/jew faċilità, mingħajr restrizzjoni teknika jew finanzjarja għall-utent⁽¹⁴⁾, meta l-utent ma jaqbilx aktar mal-użu tas-sistema u/jew ta' faċilità partikolari. Għandhom jiġu implimentati aktar salvagwardji, sabiex l-utenti ma jiġux iddiskriminati meta jirrifjutaw l-użu ta' servizz.
19. F'każijiet fejn ċerti attivitajiet tal-ipproċessar ikunu mandatorji u oħrajn ikunu soġġetti għall-kunsens tal-utent, għandha tkun żgurata t-trasparenza dwar id-diversi operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data mwettqin, billi l-utenti jiġu pprovduti b'informazzjoni adatta dwar in-natura mandatorja u/jew volontarja ta' kull proċessar partikolari u l-iskop ta' tali proċessar. Barra minn hekk, ser ikun kruċjali li jiġu implimentati salvagwardji ta' sigurtà adatti, sabiex l-ebda data ma tinġabar jew tiġi pproċessata barra l-iskop ta' dak li jkun għe legalment iddefinit u/jew maqbul b'mod volontarju.
20. B'kont meħud tal-effett tranżnazzjonali tas-servizzi tas-SIT, il-KEPD ikompli jirakkomanda l-iżvilupp ta' kuntratti standard pan-Ewropej biex ikun żgurat li s-servizzi fornuti permezz tas-SIT joffru l-istess salvagwardji tal-protezzjoni tad-data madwar l-Ewropa, u b'mod partikolari li l-informazzjoni pprovduta lill-utenti tkun ċara biżżejjed dwar il-faċilitajiet speċifiċi użati, l-impatt fuq l-użu ta' teknoloġiji speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data tagħhom, u kif huma jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Meta jiżiedu faċilitajiet ġodda, għandhom jittieħdu aktar passi mill-fornituri tas-servizzi biex jipprovdur informazzjoni ċara u speċifika lill-utent fir-rigward ta' dawn il-faċilitajiet addizzjonali u biex jiksbu l-kunsens adatt tagħhom għall-użu ta' faċilitajiet ġodda.

II.2. L-għanijiet u l-modalitajiet tal-ipproċessar tad-data għandhom jiġu ddefiniti aktar

21. Il-KEPD jinnota li l-Proposta ma tiddefinix b'mod preċiż is-servizzi u l-għanijiet li għalihom jistgħu jintużaw l-applikazzjonijiet tas-SIT, li għalhekk jibqgħu miftuħin. Dan jippermetti l-flessibbiltà fil-prattika, iżda jfisser li kwistjonijiet mhux riżolti fil-privatezza u l-protezzjoni tad-data – identifikati mill-Kummissjoni bħala wieħed mill-ostakoli prinċipali għall-promozzjoni tas-SIT (ara l-punt 10) – jistgħu jibqgħu mhux riżolti u jistgħu jostakolaw implimentazzjoni bbilanċjata tal-miżuri proposti.
22. Il-KEPD jenfasizza li huwa partikolarment importanti li l-operazzjonijiet tal-ipproċessar li jitwettqu għall-forniment ta' servizzi speċifiċi tas-SIT ma jsirux biss skont bażi legali adatta, iżda wkoll għal għanijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi, u li l-ipproċessar previst huwa proporzjonali u meħtieġ għal dawk l-għanijiet (l-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE). Għalhekk għandha titqies il-hteġġa possibbli għal aktar leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE fir-rigward tal-użijiet tas-SIT sabiex tiġi pprovduta bażi legali armonizzata u adegwata għall-attivitajiet tal-ipproċessar li għandhom jitwettqu, u sabiex jiġu evitati d-diskrepanzi fil-varar tas-servizzi tas-SIT bejn l-Istati Membri.
23. Skont il-qafas propost s'issa m'hemm l-ebda deċiżjoni dwar il-modalitajiet tal-ipproċessar tad-data u tal-iskambji tad-data għall-użu tas-SIT. Ħafna parametri tekniċi, li l-għażla tagħhom ser ikollha implikazzjonijiet differenti ta' protezzjoni tal-privatezza u tad-data, ser jiġu deċiżi biss fi stadju aktar tard mill-kumitat. B'kont meħud tal-protezzjoni partikolari mogħtija lill-protezzjoni tal-privatezza u tad-data bħala drittijiet fundamentali protetti fl-Artikolu 8

⁽¹⁴⁾ Ara l-Grupp ta' Ħidma 125 dwar l-eCall, p. 4, imsemmi fin-nota 10 f'qiegħ il-paġna.

tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jista' jiġi kkontestat jekk u safejn id-definizzjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data għandhiex tiġi deċiża permezz tal-proċedura ta' kumitat.

24. F'soċjetà demokratika, id-deċiżjonijiet dwar prinċipji u modalitajiet essenzjali li għandhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali għandhom jittieħdu skont proċedura leġiżlattiva sħiħa, li tinkludi verifiki u bilanċi adatti. F'dan il-każ, dan ifisser li d-deċiżjonijiet li għandhom impatt maġġuri fuq il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data tal-individwi, bħall-għanijiet u l-modalitajiet tal-attivitajiet mandatorji tal-ipproċessar tad-data u d-definizzjoni tal-modalitajiet biex jiġi varat l-użu tas-SIT f'oqsma ġodda, għandhom jiġu deċiżi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u mhux permezz tal-proċedura ta' kumitat.
25. F'din il-perspettiva, il-KEPD jirrakkomanda b'mod qawwi li l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 u l-KEPD huma involuti, fejn rilevanti, fil-ħidma tal-Kumitat maħluq skont l-Artikolu 8 tal-Proposta u f'azzjonijiet futuri meħudin dwar il-varar tas-SIS, permezz tal-konsultazzjoni fi stadju suffiċjentement bikri qabel l-iżvilupp ta' miżuri rilevanti.
26. Barra minn hekk, il-KEPD jieħu nota tal-emendi adottati mill-Parlament Ewropew fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Proposta. Il-KEPD l-ewwel jinnota li l-emenda relatata mal-inkoraġġiment tal-użu tad-data anonima fejn adatt, għalkemm milqugħa ħafna fil-prinċipju, mhix ser issolvi t-tħassib kollu dwar il-protezzjoni tad-data, peress li ħafna data miġbura u skambjata permezz tas-SIT tista' tikkwalifika bħala data personali. Għall-ipproċessar tad-data personali li għandu jsir fuq bażi anonima, m'għandu jkun hemm l-ebda possibbiltà għall-ebda persuna fl-ebda stadju tal-ipproċessar – b'kont meħud tal-mezzi kollha li x'aktarx huwa raġonevoli li għandhom jintużaw jew mill-kontrollur jew minn kwalunkwe persuna oħra – li torbot id-data mad-data relatata ma' individwu identifikat, inkella tali data tikkostitwixxi data personali fit-tifsira tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46/KE⁽¹⁵⁾. Barra minn hekk, abbażi tal-emendi proposti mill-Parlament Ewropew, il-KEPD jirrakkomanda li l-Artikolu 6 tal-Proposta huwa modifikat kif ġej:

— Il-valutazzjoni tal-ħtieġa tal-ipproċessar tad-data personali permezz tas-SIT għandha ssir fid-dawl tal-għanijiet leġittimi u speċifiċi li għalihom tiġi pproċessata d-data (f'konformità mal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva

95/46/KE). It-tweġġiq tal-applikazzjoni tas-SIT⁽¹⁶⁾ innifsu ma jistax ikun għan leġittimu li jiġġustifika l-ipproċessar tad-data, peress li l-applikazzjoni hi biss mezz għall-għbir u l-iskambju tad-data, li l-użu tagħha għandu neċessarjament jiġi orjentat lejn għanijiet partikolari.

— L-emenda⁽¹⁷⁾ relatata ma' projbizzjoni tal-użu tad-data u r-reġistri tas-SIT "għal għanijiet oħra barra dawk imsemmijin f'din id-Direttiva" ma tippovdix biżżejjed garanzija, b'mod partikolari peress li l-għanijiet u s-servizzi partikolari li għalihom ser tintuża s-SIT mhumieq stabbiliti b'mod ċar u eżawrjenti fid-Direttiva. B'kont meħud tad-diversi attivitajiet tal-ipproċessar tad-data li ser jitwettqu permezz tas-SIT għal għanijiet differenti ħafna, għandu jkun żgurat li d-data miġbura matul l-ipproċessar għal għan partikolari ma tintużax għal għanijiet oħra li huma inkompatibbli, kif previst fl-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 95/46/KE. Għalhekk il-KEPD jirrakkomanda li l-Artikolu 6(2) għandu jiġi mmodifikat aktar biex ikun żgurat li d-data u r-reġistri tas-SIT ma jintużawx "għal għanijiet oħra barra dawk li għalihom huma nġabru b'mod li huwa inkompatibbli ma' dawk l-għanijiet" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

III. PROTEZZJONI TAD-DATA FIS-SISTEMI INTELLIĠENTI TAT-TRASPORT

27. Huwa partikolarment kruċjali li r-rwoli tal-atturi differenti involuti fis-SIT jiġu ċċarati sabiex jiġi identifikat min ser jerfa' r-responsabbiltà biex jiżgura li s-sistemi jaħdmu tajjeb minn perspettiva ta' protezzjoni tad-data. Għalhekk għandu jiġi ċċarat aktar min għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-applikazzjonijiet u s-sistemi li d-disinn tagħhom ser ikun speċifikat permezz tal-kumitat, u min ser ikun responsabbli fost il-katina tal-atturi għall-konformità tal-ipproċessar tad-data mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data (jiġifieri l-kontrolluri tad-data). Il-KEPD ser jissottolinja hawn taħt ftit mit-tħassib dwar il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data li għandu jiġi indirizzat fil-kumitat u mill-kontrolluri tad-data meta jiġu mfasslin l-applikazzjonijiet u l-arkitettura tas-sistemi. Barra minn hekk, huwa ser jiddeskrivi xi wħud mill-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data li għandhom jiġu indirizzati mil-leġiżlatur u l-kontrolluri tad-data fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tas-SIT.

III.1. "Privatezza fid-disinn"

28. L-applikazzjoni korretta tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data stipulati fid-Direttiva 95/46/KE hija kondizzjoni ċentrali għas-suċċess tal-varar tas-SIT fil-Komunità. Dawn il-prinċipji għandhom implikazzjonijiet għad-disinn tal-arkitettura tas-sistemi u l-applikazzjonijiet. Il-KEPD jirrakkomanda li jiġi adottat approċċ ta' "privatezza fid-disinn" fi stadju bikri tad-disinn tas-SIT, biex jiġu ddefiniti l-arkitettura, l-operazzjoni u l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet

⁽¹⁵⁾ Kif imniżżel fil-premessa 26 tad-Direttiva 95/46/KE, "biex jiġi ddeterminat jekk persuna hijiex identifikabbli, għandu jittieħed kont tal-mezzi kollha li x'aktarx huwa raġonevoli li għandhom jintużaw jew mill-kontrollur jew minn kwalunkwe persuna oħra biex tiġi identifikata l-persuna msemmija."

⁽¹⁶⁾ L-emenda 34 li tintroduċi Artikolu ġdid 6(1)(b) tippovdi: "Id-data personali għandha tiġi pproċessata biss sakemm l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-tweġġiq tal-applikazzjoni u/jew is-servizz tas-SIT."

⁽¹⁷⁾ L-emenda 36 iżżid mal-Artikolu 6(2) t-test li ġej: "u ma jistgħux jintużaw għal għanijiet oħra barra dawk imsemmijin f'din id-Direttiva."

- u s-sistemi. Dan l-approċċ huwa notevolment enfasizzat fid-Direttiva 1999/5/KE ⁽¹⁸⁾ fir-rigward tad-disinn tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet.
29. Id-disinn tal-applikazzjonijiet u s-sistemi tas-SIT ser isir f'diversi stadji, minn diversi atturi, li għandhom il-koll jieħdu kont tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data. Il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-SIT ser jerfgħu responsabbiltà inizjali speċifika fid-definizzjoni, permezz tal-proċedura ta' kumitat, ta' miżuri, inizjattivi ta' standardizzazzjoni, proċeduri u l-aħjar prattiki li għandhom jippromwovu l-"privatezza fid-disinn".
30. Il-"privatezza fid-disinn" għandha tiġi inkoraġġguta fl-istadji kollha u fil-forom kollha tal-proċessi:
- Flivell organizzattiv, il-privatezza għandha tiġi kkunsidrata fid-definizzjoni tal-proċeduri meħtieġa għall-iskambju ta' data bejn il-punti ta' skambju rilevanti kollha – dan jista' jkollu impatt dirett fuq it-tip ta' skambju u fuq liema data tiġi skambjata.
 - Ir-rekwiżiti tal-privatezza u s-sigurtà għandhom jiġu inkorporati fl-istandards, l-aħjar prattiki, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u s-sistemi.
 - Fil-livell tekniku, il-KEPD jirrakkomanda l-iżvilupp, pereżempju permezz tal-kumitat, tal-Aqwa Tekniki Disponibbli ⁽¹⁹⁾ (BATs) għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà f'setturi speċifiċi u/jew għal finijiet partikolari, li fihom il-parametri differenti tas-sigurtà li għandhom jiġu implimentati fiċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistema jkunu ddefiniti sabiex tkun iggarantita l-konformità mal-qafas regolatorju tal-UE.
31. Il-KEPD jiddeskrivi xi wħud mill-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati speċifikament fid-disinn tal-applikazzjonijiet u l-arkitettura tas-sistemi t'hawn taħt. Dawn huma relatati mad-data miġbura, mal-interoperabbiltà tas-sistemi, u mas-sigurtà tad-data.
- III.1.a) *Minimizzazzjoni u anonimità tad-data*
32. F'konformità mal-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 95/46/KE, tista' tinġabar u tiġi proċessata d-data personali biss li hija meħtieġa u rilevanti għal għanijiet speċifiċi.
33. Il-KEPD jisħaq dwar l-importanza li ssir klassifikazzjoni adatta tal-informazzjoni u d-data li għandhom jiġu proċessati permezz tas-SIT qabel jtfasslu l-applikazzjonijiet u s-sistemi, sabiex jiġi evitat għbir massiv u inadatt ta' data personali. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed kont ta':
- is-sors tad-data (jekk hux minn sors pubbliku, fornitur tat-telekomunikazzjoni, fornitur ta' servizz tas-SIT, operaturi oħra, vettura, utent ta' vettura jew suġġetti tad-data oħra),
 - in-natura tad-data (pereżempju informazzjoni miġbura komplessivament, data anonima, data personali, data sensitiva),
 - l-għan(ijiet) li għalihom id-data hija maħsuba biex tintuża, u
 - fir-rigward tas-sistemi kooperattivi, għandu jkun iċċarat liema data tiġi trażmessa mill-vettura permezz tas-sistema push/pull, skambjata ma vetturi u/jew infrastruttura oħra, u minn infrastruttura għal infrastruttura, u għal liema għanijiet.
34. Il-faċilitajiet uniċi għandhom jiġu analizzati bir-reqqa skont l-għanijiet imwettqin sabiex tiġi vvalutata l-ħtieġa li tinġabar id-data personali. Il-KEPD jisħaq dwar l-importanza li jinħoloq bilanċ adatt bejn id-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data u l-interessi tal-atturi differenti involuti, u dan jimplika li d-data personali tiġi proċessata kemm jista' jkun mill-inqas. Safejn hu l-aktar possibbli, l-arkitettura tal-applikazzjonijiet u s-sistemi għandha tkun imfassla b'tali mod li tinġabar biss id-data personali li tkun strettament meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-għanijiet li jkunu jridu jinkisbu.
35. Jekk id-data personali ma tkunx meħtieġa jew tkun meħtieġa biss fi stadju bikri tal-ipproċessar, hija m'għandhiex tinġabar jew għandha tiġi anonimizzata malajr kemm jista' jkun. Għalhekk huwa partikolarment importanti mhux biss li tiġi vvalutata l-ħtieġa għall-għbir tad-data, iżda wkoll għaż-żamma tagħha fis-sistemi differenti. Għandhom jiġu ddefiniti limiti ta' żmien speċifiċi għall-ħażna ta' data personali għall-atturi differenti kollha fil-katina tas-servizz, li għandhom ikunu ddifferenzjati skont it-tip ta' data u l-għan li għalih tkun inġabret ⁽²⁰⁾. Bħala riżultat, meta ma jkunx aktar meħtieġ li tinżamm data personali biex jinkisbu l-għanijiet li għalihom kienet inġabret jew ġiet aktar proċessata, għandha tingħata b'mod anonimu, jiġifieri ma tkunx aktar relatata ma' individwu identifikat jew identifikabbli.
36. Id-disinn tal-arkitettura tas-sistemi u l-proċeduri tal-iskambju tad-data għandhom jappoġġaw l-ipproċessar ta' kemm jista' jkun data personali mill-inqas. F'dan ir-rigward għandu jittieħed kont tal-istadji kollha tal-ipproċessar u

⁽¹⁸⁾ Prinċipalment l-Artikolu 3.3 (c) tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-riko-noxximent reċiproku tal-konformità tagħhom.

⁽¹⁹⁾ L-Aqwa Tekniki Disponibbli għandhom ifissru l-istadju l-aktar effettiv u avanzat fl-iżvilupp tal-attivitajiet u l-metodi ta' operazzjoni tagħhom li jindikaw l-adattabbiltà prattika ta' tekniki partikolari biex fil-prinċipju tiġi pprovduta l-bażi għall-applikazzjonijiet u s-sistemi tas-SIT biex ikunu konformi mar-rekwiżit tal-privatezza, il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà fil-qafas regolatorju tal-UE.

⁽²⁰⁾ Pereżempju, iż-żamma tad-data dwar it-traffiku u d-data dwar il-lokazzjoni proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika fin-netwerks ta' komunikazzjoni pubblika hija rregolata fid-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE.

l-atturi kollha fil-katina tal-forniment tas-servizzi tas-SIT. Waqt li xi fit mid-data tista' tiġi skambjata u proċessata fuq bażi anonima, data oħra, anki jekk tkun skambjata fuq bażi mhux identifikata, tista' tiġi marbuta ma' data relatata ma' individwi identifikati u għalhekk ser tikkostitwixxi data personali fit-tifsira tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46/KE⁽²¹⁾. Minħabba l-għanijiet li għalihom ser tintuża s-SIT, jidher li hu diffiċli li jiġi żgurat li ammont kbir ta' data miġbura permezz tas-SIT ser jiġi proċessat fuq bażi anonima, peress li l-identità tal-individwu ser tkun meħtieġa f'xi ħin għal għanijiet speċifiċi, bħall-fatturazzjoni. Bħala riżultat, mill-inqas ser ikunu meħtieġa miżuri tekniċi, organizzattivi u legali speċjali biex tkun żgurata l-anonimità f'ċerti oqsma.

III.1.b) L-interoperabbiltà, il-kwalità tad-data u l-limitazzjoni tal-għanijiet

37. L-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet u s-sistemi hija element ċentrali biex jiġi varat l-użu b'suċċess tas-SIT. Ser issir ħidma ta' armonizzazzjoni li permezz tagħha ser jiġu ddefiniti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interfaċċji li għandhom jiġu integrati fl-applikazzjonijiet u s-sistemi, sabiex jitħallew joperaw flimkien ma' applikazzjonijiet oħra inkorporati f'modi u/jew sistemi oħra ta' trasport. Waqt li l-interoperabbiltà tas-sistemi ser tgħin biex jiġi ffaċilitat il-forniment ta' varjetà ta' servizzi u ser tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-kontinwità tagħhom fl-Ewropa kollha, hija toħloq ċertu numru ta' riskji minn perspettiva ta' data tal-protezzjoni, bħar-riskji tal-użu ħażin jew l-abbuż mid-data. Kwilunkwe interfaċċja tal-bażijiet tad-data għandha ssir b'rispett dovut għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-data⁽²²⁾ u s-salvagwardji prattiċi dwar is-sigurtà (ara wkoll it-taqsimi III.1.c).
38. Il-prinċipju tal-kwalità tad-data msemmi fl-Artikolu 6(d) tad-Direttiva 95/46/KE huwa partikolarment kruċjali fil-kuntest tal-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet u s-sistemi. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu ddefiniti għad-disinn tal-interfaċċji għandhom jiżguraw l-akkuratezza tad-data li għandha tinkiseb bħala riżultat tal-interfaċċja tal-applikazzjonijiet u s-sistemi.
39. Peress li l-interoperabbiltà tas-sistemi ser tiffaċilita l-interfaċċja tal-bażijiet tad-data u t-tqabbil tad-data għal aktar għanijiet, il-KEPD jenfasizza li kwalunkwe interfaċċja għandha ssir b'kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-għanijiet stabbilit fl-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 95/46/KE. Huwa partikolarment importanti li d-disinn tal-arkitettura tas-sistemi tas-SIT jimpedixxi kwalunkwe użu ulterjuri tad-data għal finijiet oħrajn barra dawk li għalihom kienet inġabret. Fis-sistema għandhom jinbnew protezzjonijiet ta' sigurtà adatti biex jimpedixxu l-abbuż, il-kxif jew l-aċċess mhux awtorizzati, kif ukoll l-effetti kollaterali tat-tagħmir. Pereżempju, għandhom jiġu implimentati protezzjonijiet suffiċjenti sabiex it-tagħmir nomadiku ma jiġix aċċessat minn partijiet terzi mhux awtorizzati u ma jintużax biex jiġu identifikati u ttraċċati nies lil hinn mill-finijiet tas-sistema.

40. Fil-każ tal-legalità tal-interfaċċja nnifisha, dan ser jeħtieġ li jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ, b'kont meħud tan-natura tad-data li tkun saret disponibbli u li għet skambjata permezz tas-sistemi u tal-finijiet li għalihom tkun oriġinarjament maħsuba biex tintuża.

III.1.c) Sigurtà tad-data

41. Is-sigurtà tad-data personali hija element prinċipali biex jiġi varat l-użu tas-SIT. Il-KEPD jilqa' l-fatt li s-sigurtà hija espliċitament imsemmija fil-pjan ta' azzjoni u fil-proposta għal Direttiva. Is-sigurtà għandha tiġi prevista mhux biss matul il-funzjonament tat-tagħmir tas-SIT (fis-sistema abbord vettura u fil-protokoll ta' komunikazzjoni tat-trasport), iżda wkoll wara l-funzjonament tat-tagħmir - fil-bażijiet tad-data fejn id-data tiġi pproċessata u/jew maħżuna. Għandhom jiġu ddefiniti rekwiżiti tekniċi, amministrattivi u organizzattivi adatti għall-istadji kollha tal-ipproċessar li jiżguraw livell adegwat ta' sigurtà f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 95/46/KE (kif ukoll l-Artikolu 4 u 5 tad-Direttiva 2002/58/KE, fejn rilevanti).
42. Id-definizzjoni tal-miżuri ta' sigurtà adatti għandha ssir biss wara valutazzjoni bir-reqqa tal-għanijiet speċifiċi li għalihom is-SIT tkun ser tintuża u tal-modalitajiet tal-ipproċessar li jkun sar. F'dan ir-rigward, il-KEPD jirrakkomanda li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data jitwettqu fir-rigward ta' setturi u/jew għanijiet partikolari tal-użu (eż. għal sistemi tas-SIT relatati mas-sigurtà, għal sistemi tal-ġestjoni tal-merkanzija, eċċ.). It-tweġiq ta' valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data u l-użu tal-BATs għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data ser jikkontribwixxu għad-definizzjoni tal-aktar miżuri ta' sigurtà adatti rilevanti għall-ipproċessar speċifiku mwettaq.

III.2. Kunsiderazzjonijiet ulterjuri tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza għall-forniment ta' servizzi tas-SIT

43. L-armonizzazzjoni ulterjuri tal-modalitajiet tal-varar tas-servizzi tas-SIT hija meħtieġa fil-livell tal-UE sabiex jiġu evitati d-diskrepanzi fil-varar tas-servizzi tas-SIT. F'dan ir-rigward, il-KEPD jixtieq jindika żewġ kwistjonijiet li notevolment ser jinħtieġu kunsiderazzjoni ulterjuri minn perspettiva ta' privatezza u protezzjoni tad-data hawn taħt:

— L-użu ta' għodod ta' lokazzjoni għall-forniment ta' servizzi pubbliċi u kummerċjali bbażati fuq il-lokazzjoni jeħtieġ l-implimentazzjoni ta' salvagwardji addizzjonali. Ftali kuntest, għandha tingħata attenzjoni partikolari għal jekk jintużawx u meta jintużaw servizzi tas-SIT ibbażati fuq il-lokazzjoni għal finijiet privati jew professjonali, u kif jista' jkun hemm impatt fuq individwi li jużaw vettura f'kuntest professjonali bl-użu ta' tali sistema.

— Fsistemi integrati huwa partikolarment importanti li r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet differenti involuti fil-varar tas-SIT jiġu ċċarati.

⁽²¹⁾ Ara n-nota 15 f'qiegħ il-paġna.

⁽²²⁾ Ara wkoll il-kummenti tal-KEPD dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà tal-bażijiet tad-data Ewropej, 10 ta' Marzu 2006. http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Comments/2006/06-03-10_Interoperability_EN.pdf

III.2.a) *Salvagwardji għall-użu ta' għodod ta' lokazzjoni għall-forniment ta' servizzi tas-SIT ibbażati fuq il-lokazzjoni*

44. Il-varar tas-SIT ser jappoġġa l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet għall-“insewiment u t-traċċar” ta’ merkanzija u ser jippermetti l-varar ta’ servizzi pubbliċi u kummerċjali bbażati fuq il-lokazzjoni. Tali servizzi ser iserrħu fuq l-użu ta’ teknoloġiji bħall-pożizzjonar ibbażat fuq is-satelliti u bħat-tikketti RFID ⁽²³⁾. Is-sistemi ta’ navigazzjoni, insewiment u traċċar huma maħsubin biex jintużaw għal varjetà ta’ għanijiet bħall-monitoraġġ remot fuq ir-rotta ta’ vetturi u merkanzija (eż. għat-trasport ta’ merkanzija perikoluża jew ta’ annimali ħajjin), il-fatturazzjoni tal-vetturi fuq varjetà ta’ parametri inklużi d-distanza vjaġġata u l-ħin tal-ġurnata (eż. l-ipprezzar tat-toroq, sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq), u l-monitoraġġ tas-sewwieqa għall-finijiet tal-infurzar bħall-ikkontrollar tal-ħinijiet tas-sewqan (permezz ta’ takografi diġitali) u l-impożizzjoni ta’ sanzjonijiet (permezz tal-identifikazzjoni elettronika tal-vettura).
45. L-użu ta’ teknoloġiji tal-lokazzjoni huwa partikolarment intrużiv minn perspettiva ta’ privatezza peress li jippermetti l-insewiment tas-sewwieqa u l-ġbir ta’ varjetà wiesgħa ta’ data relatata mal-użanzi tagħhom tas-sewqan. Kif ġie enfazzat mill-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 ⁽²⁴⁾, l-ipproċessar tad-data ta’ lokazzjoni huwa materja partikolarment sensitiva li tinvolvi l-kwistjoni prinċipali tal-libertà taċ-ċaqqliq b’mod anonimu, u li teħtieġ l-implimentazzjoni ta’ salvagwardji speċifiċi sabiex jiġu evitati s-sorveljanza tal-individwi u l-użu ħażin tad-data.
46. Il-KEPD jenfasizza li l-użu ta’ għodod ta’ lokazzjoni għandu jkun legali, jiġifieri bbażat fuq raġuni legali adatta, għal finijiet espliċiti u leġittimi, u proporzjonali għall-għanijiet li għandhom jintlaħqu. Il-legalità tal-ipproċessar tad-data mwettaq ser jiddependi ħafna fuq il-mod li fih ser jintużaw l-għodod ta’ lokazzjoni u fuq l-għanijiet li għalihom dawn ser jintużaw. Kif il-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 issottolinja fl-opinjoni tiegħu dwar l-eCall, “ma jkunx aċċettabbli, minn perspettiva ta’ protezzjoni tad-data, li jkun hemm tali tagħmir konness b’mod permanenti, u għalhekk il-vetturi jkunu ttraċċati b’mod permanenti minħabba l-attivazzjoni possibbli tat-tagħmir tal-eCall ⁽²⁵⁾” [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għalhekk huwa importanti li jiġu ċċarati aktar iċ-ċirkostanzi speċifiċi li filhom vettura ser tiġi ttraċċata u l-impatt tagħha fuq l-utent. Fi kwalunkwe każ, l-użu ta’ tagħmir ta’ lokazzjoni għandu jiġi ġġustifikat minn

⁽²³⁾ Ara l-kwistjonijiet dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data mqajmin mill-użu tar-RFID fl-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar “l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (RFID) fl-Ewropa: passi lejn qafas ta’ politika” COM(2007) 96, ĠU C 101, 23.4.2008, p.1. http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2007/07-12-20_RFID_EN.pdf

⁽²⁴⁾ Il-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29, Opinjonijiet dwar l-użu tad-data tal-lokazzjoni bil-ħsieb tal-forniment ta’ servizzi b’valur miżjud, Grupp ta’ Ħidma 115, Novembru 2005. http://ec.europa.eu/justice_home/fsj/privacy/docs/wpdocs/2005/wp115_en.pdf

⁽²⁵⁾ Ara l-Grupp ta’ Ħidma 125 dwar l-eCall, p.5, imsemmi fin-nota 10 fqiegħ il-paġna.

ħtieġa leġittima (eż. l-monitoraġġ tat-trasport tal-merkanzija) u strettament illimitat għal dak li hu meħtieġ għal dak l-għan. Għalhekk, huwa importanti li jiġi ddefinit b’mod preċiż liema data ta’ lokazzjoni nġabret, fejn hi maħżuna u kemm ser tinżamm, ma’ min u għal liema għanijiet tiġi skambjata, u li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiġu evitati l-użu ħażin jew l-abbuż mid-data.

47. Barra minn hekk, l-ipproċessar tad-data ta’ lokazzjoni relatata mal-utenti tan-networks pubbliċi tal-komunikazzjoni jew servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku huwa strettament irregolat fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/58/KE. Notevolment dan jeħtieġ li l-ipproċessar tad-data ta’ lokazzjoni għandu jsir fuq bażi anonima, jew inkella bil-kunsens informat tal-utent. Dan ifisser li l-utenti għandhom, qabel ma jaqblu dwar l-użu tal-għodda ta’ lokazzjoni, jingħataw informazzjoni adatta, inklużi t-tip ta’ data ta’ lokazzjoni pproċessata, l-għanijiet u t-terminu tal-ipproċessar, u jekk id-data hijiex ser tiġi ttrasmissa lil parti terza sabiex jiġi pprovdut is-servizz tal-valur miżjud. Għandu jkun hemm mezz sempliċi, mingħajr ħlas, għall-utenti biex jirrifjutaw temporanjament l-ipproċessar tad-data ta’ lokazzjoni għal kull konnessjoni man-network jew għal kull trasmissjoni ta’ komunikazzjoni. L-ipproċessar tad-data ta’ lokazzjoni għandu jkun strettament illimitat għal persuni li jaġixxu taħt l-awtorità tal-fornitur tan-network ta’ komunikazzjonijiet pubbliċi jew ta’ servizz ta’ komunikazzjoni disponibbli għall-pubbliku jew ta’ parti terza li tipprovdri s-servizz tal-valur miżjud.
48. Is-salvagwardji addizzjonali għandhom jiġu adottati meta d-data ta’ lokazzjoni tinġabar minn vetturi li jkunu qed jintużaw waqt attività professjonali, biex jiġi evitat li t-teknoloġija ta’ lokazzjoni tintuża għall-monitoraġġ indebitu tal-impjegati. Fi kwalunkwe każ, l-ipproċessar għandu jkun illimitat għad-data ta’ lokazzjoni miġbura waqt il-ħin tax-xogħol - għalhekk l-impjegati għandhom ikunu jistgħu jittgħu l-funzjoni ta’ lokazzjoni barra l-ħinijiet tax-xogħol u/jew meta jużaw il-vettura għal għanijiet privati.
49. Hemm riskju li l-partijiet terzi (bħall-kumpaniji tal-assigurazzjoni, min iħaddem, u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi) jkunu jeħtieġu aċċess għad-data miġbura permezz ta’ sistemi ta’ navigazzjoni u traċċar għal finijiet leġittimi u speċifiċi (bħat-traċċar ta’ merkanzija, il-ħlas elektroniku tat-taxxi, eċċ.) sabiex jintużaw għal finijiet sekondarji, bħall-ikkontrollar tal-ħinijiet tas-sewqan u l-perijodi ta’ mistrieħ jew l-ivverifikar tal-osservanza tar-regolamenti tat-triq u l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet. Bħala prinċipju, l-aċċess għad-data għal finijiet sekondarji mhuwiex permess jekk dan l-aċċess iservi għal finijiet li huma inkompatibbli ma’ dawkl li għalihom inġabret. L-aċċess jista’ jkun permess biss b’deroga għal dan il-prinċipju jekk il-kondizzjonijiet għal tali aċċess jissodisfaw ir-rekwiżiti stretti tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE. Bħala konsegwenza, kwalunkwe aċċess għal-data ta’ lokazzjoni minn partijiet terzi għandu jkun ipprovdut biss f’konformità mal-liġi u b’mod trasparenti, abbażi ta’ miżura legali li tistabbilixxi proċeduri u modalitajiet adatti għall-aċċess għad-data għal finijiet

speċifiċi, u li tipprovdi salvagwardji adegwati għall-individwi f'konformità mal-finijiet ulterjuri li għalihom tista' tintuża d-data tagħhom.

III.2.b) Rwoli u responsabbiltajiet tal-atturi tas-SIT

50. Għadu mhuwiex ċar min ser ikun il-kontrollur tad-data fir-rigward ta' kull parti tal-ipproċessar. F'ħafna każijiet, probabbli l-fornituri tas-servizzi tas-SIT ser ikunu l-kontrolluri tad-data, jew waħedhom fir-rigward tad-data personali pproċessata għall-forniment tas-servizzi tas-SIT proprji tagħhom jew konġuntament fil-każijiet fejn l-ipproċessar jitwettaq flimkien ma' kontrolluri tad-data oħrajn. L-operaturi involuti fis-SIT f'kapaċitajiet differenti għandu jkollhom ir-rwol u r-responsabbiltajiet tagħhom, bħala kontrollur tad-data jew proċessur tad-data, speċifikati b'mod ċar fir-rigward ta' kull parti tal-ipproċessar (eż. operaturi tat-telekomunikazzjoni li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni kif ukoll servizzi tas-SIT).
51. Dawk il-persuni li jaġixxu bħala kontrolluri tad-data ser ikunu responsabbli ⁽²⁶⁾ għall-iżguraw tal-osservanza tas-sistemi u s-servizzi tal-obbligi kollha dwar il-protezzjoni tad-data, u b'mod partikolari għall-implimentazzjoni ta' sistemi li jinvolvu l-"privatezza fid-disinn", li jirrispettaw il-kwalità tad-data u l-prinċipji tal-limitazzjoni tal-għanijiet, u li jggarantixxu livell adatt ta' sigurtà tad-data, kif deskritt fi III.1).
52. Il-kontrolluri tad-data ser ikunu jeħtieġu li jiżguraw li jiġu stabbiliti salvagwardji adatti fil-livelli kollha tal-katina tal-atturi involuti fil-varar tas-SIT. Notevolment dan ser ikun jeħtieġ li huma jidhru fi skemi kuntrattwali adatti mal-partijiet interessati kollha involuti fl-iskambju u l-ipproċessar tad-data, li għandhom jipprovdu salvagwardji għall-protezzjoni tad-data (b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 95/46/KE, u l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2002/58/KE). Huwa importanti li wieħed jinnota li minn perspettiva ta' protezzjoni tad-data, filwaqt li l-kontrolluri tad-data għandhom jiżguraw li l-protezzjoni tad-data tkun żgurata fl-istadji kollha tal-ipproċessar, huma jibqgħu responsabbli għall-ipproċessar u ma jistgħux jeskludu r-responsabbiltà tagħhom b'kuntratt.

IV. KONKLUŻJONIJIET

53. Il-KEPD jilqa' l-pjan ta' varar tas-SIT propost ippreżentat mill-Kummissjoni li għandu l-għan li jarmonizza l-proċessi tad-data fl-Ewropa kollha sabiex jiġi ffaċilitat il-forniment tas-servizzi tas-SIT, u li fih il-protezzjoni tad-data tiġi ppreżentata bħala kondizzjoni ċentrali biex jiġi varat l-użu adatt tas-SIT fl-Ewropa.
54. Il-KEPD jinnota li d-Direttiva proposta tistabbilixxi qafas ġenerali li jqajjem numru ta' kwistjonijiet dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data li jeħtieġu li jiġu indirizzati aktar fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali:

— Hemm riskju li n-nuqqas ta' ċarezza tal-qafas legali propost ser joħloq diversità fl-implimentazzjoni tas-SIT fl-Ewropa li ser twassal għal livelli differenti ta' protezzjoni tad-data fl-Ewropa. Il-KEPD jenfasizza l-hteġa għal aktar armonizzazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet fil-livell tal-UE biex jiġu ċċarati kwistjonijiet pendenti (bħad-definizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi tas-SIT, liema applikazzjonijiet u sistemi tas-SIT speċifiċi għandhom jiġu installati fil-vetturi, l-iżvilupp ta' kuntratti armonizzati għall-forniment tas-servizzi tas-SIT, l-għanijiet u l-modalitajiet speċifiċi tal-użu tas-SIT, eċċ.). Huwa partikolarment kruċjali li jiġi identifikat min ser ikunu l-kontrolluri tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data mwettaq, peress li huma ser jerfġu r-responsabbiltà li jiżguraw li l-kunsiderazzjonijiet dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data jiġu implimentati fil-livelli kollha tal-katina tal-ipproċessar.

— Id-deċiżjonijiet dwar ċerti modalitajiet tal-ipproċessar li jista' jkollhom impatt serju fuq id-drittijiet tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data għandhom jittieħdu mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, u mhux permezz ta' proċedura ta' kumitat.

— Huwa tal-akbar importanza li l-privatezza u l-protezzjoni tad-data jiġu kkunsidrati minn stadju bikri tal-ipproċessar u fl-istadji kollha tal-ipproċessar; l-implimentazzjoni tal-"Privatezza fid-disinn" għandha tiġi inkoraġġguta għad-disinn tal-applikazzjonijiet u s-sistemi tas-SIT, u u għandha tiġi inkorporata fl-istandards, fl-aħjar Prattiki, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u fis-sistemi.

— Kwalunkwe interfaċċja tal-applikazzjonijiet u s-sistemi għandha ssir b'rispett dovut għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u għas-salvagwardji Prattiki dwar is-sigurtà.

— Minħabba l-inċertezi li jibqgħu f'dan l-istadju dwar il-modalitajiet tal-varar tas-SIT, il-KEPD partikolarment jilqa' l-inizjattiva ppreżentata mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha li sal-2011 għandha titwettaq valutazzjoni tal-privatezza. Barra minn hekk, huwa jirrakkomanda bis-saħħa li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data jitwettqu fir-rigward ta' setturi u/jew għanijiet tal-użu speċifiċi għad-definizzjoni ta' miżuri ta' sigurtà adatti u li l-Aqwa Tekniki Disponibbli għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà fis-SIT huma żviluppanti.

— Il-KEPD jenfasizza wkoll li l-Istati Membri ser jerfġu r-responsabbiltà fl-implimentazzjoni tad-Direttiva b'mod adegwat sabiex l-operaturi tas-SIT jimplementaw sistemi u servizzi li joffru livell adatt ta' protezzjoni tad-data madwar l-Ewropa.

⁽²⁶⁾ Ara n-nota 13 fqiegħ il-paġna.

- Għandhom jiġu implimentati salvagwardji adatti mill-kontrolluri tad-data li jipprovdu servizzi tas-SIT, sabiex l-użu ta' teknoloġiji ta' lokazzjoni, bħall-pożizzjonar bis-satellita u t-tikketti RFID, ma jkunx intrużiv għall-privatezza tal-individwi li jużaw vetturi f'kuntast purament privat jew professjonali. Notevolment dan ser ikun jeħtieġ il-limitazzjoni tal-ipproċessar għad-data strettament meħtieġa għal dak l-għan, filwaqt li jiġi żgurat li miżuri ta' sigurtà adatti jkunu mibnjin fis-sistemi, sabiex id-data ta' lokazzjoni ma tingħatax lil reċipjenti mhux awtorizzati, u filwaqt li l-utenti jiġu pprovduti mezz effettiv ta' diżattivazzjoni tat-tagħmir/faċilità ta' lokazzjoni.
55. Il-KEPD jirrakkomanda li l-Artikolu 6 tal-Proposta jiġi emendat, f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE, kif ġej:
- Għandha tiġi inkoraġġuta l-minimizzazzjoni tad-data għall-proċessar tad-data mwettaq permezz tas-SIT. F'dan ir-rigward, huwa rakkomandat li l-Artikolu 6(1)(b) tal-Proposta jiġi emendat kif ġej: "Id-data personali għandha tiġi pproċessata biss sakemm il-proċessar ikun meħtieġ għall-għan speċifiku li għalih tintuża s-SIT u skont bażi legali adatta" [Traduzzjoni mhux uffiċjali].
- Huwa importanti li d-data personali pproċessata permezz ta' sistemi interoperabbli ma tintużax għal għanijiet ulterjuri li huma inkompatibbli ma' daww li għalihom inġabret. Għalhekk huwa rakkomandat li l-Artikolu 6(2) jiġi modifikat kif ġej: "u ma tistax tintuża
- għal għanijiet oħra barra daww li għalihom inġabret b'mod inkompatibbli ma' daww l-għanijiet" [Traduzzjoni mhux uffiċjali].
- Huwa jirrakkomanda li tiżdied referenza espliċita għall-idea ta' "privatezza fid-disinn" għad-disinn tal-applikazzjonijiet u s-sistemi tas-SIT fl-Artikolu 6 tal-Proposta. Barra minn hekk, huwa jirrakkomanda li l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 u l-KEPD ikunu informati u kkonsultati dwar azzjonijiet oħrajn meħudin dwar din il-kwistjoni permezz tal-proċedura ta' kumitat.
56. Il-KEPD jirrakkomanda wkoll li ssir referenza għal din il-konsultazzjoni fil-premessi tal-Proposta.
57. Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, il-KEPD jirrakkomanda li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari permezz tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, u l-KEPD huma involuti mill-qrib finizjattivi relatati mal-varar tas-SIT, permezz ta' konsultazzjoni fi stadju suffiċjement bikri qabel l-iżvilupp ta' miżuri rilevanti.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Lulju 2009.

Peter HUSTINX

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

II

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI EWROPEA

Awtorizzazzjoni għal għajjnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE**Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 47/03)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	14.1.2010
In-numru ta' referenza tal-għajjnuna	NN 68/09
Stat Membru	L-Ungerija
Reġjun	The whole territory of Hungary
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Liquidity scheme for Hungarian banks
Il-bażi legali	Az államháztartásról szóló 1992. évi XXXVIII. törvény 8/B. §-a alapján.
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajjnuna
L-għan	Għajjnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija
Il-forma tal-għajjnuna	Self b'rata ta' imgħax baxxa
L-estimi	Baġit globali: EUR 4 000 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	sal-30.6.2010
Setturi ekonomiċi	L-intermedjazzjoni finanzjarja
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajjnuna	Pénzügyminisztérium Budapest József nádor tér 2–4. 1051 MAGYARORSZÁG/HUNGARY
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	22.12.2009
In-numru ta' referenza tal-ghajjnuna	N 374/09
Stat Membru	L-Irlanda
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	National Development Plan 2007-2013. R&D&I aid scheme.
Il-baži legali	Ireland National Development Plan 2007-2013 — Agriculture and Food Development Programme — Agriculture and Forestry Competitiveness Sub-Programme — Forestry element
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajjnuna
L-għan	Ir-riċerka u l-iżvilupp, Il-ħarsien tal-ambjent
Il-forma tal-ghajjnuna	Għotja diretta
L-estimi	Baġit annwali: — 2007: EUR 2,79 miljun — 2008: EUR 3,02 miljun — 2009-2013: EUR 4,0 miljun Baġit globali: EUR 25,81 miljun
L-intensità	Miżura li mhix għajjnuna
It-tul ta' żmien	1.1.2007-31.12.2013
Setturi ekonomiċi	L-Agricoltura
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-ghajjnuna	Department of Agriculture, Fisheries and Food Agriculture House Kildare Street Dublin 2 IRELAND
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	16.12.2009
In-numru ta' referenza tal-ghajjnuna	N 470/09
Stat Membru	Ir-Repubblika Ċeka
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Program bezpečnostního výzkumu ČR 2010–2015
Il-bażi legali	Zákon ċ. 132/2002 Sb., o podpoře výzkumu, experimentálního vývoje a inovací z veřejných prostředků a o změně některých souvisejících zákonů. Usnesení vlády České republiky ze dne 12. ledna 2009 ċ. 50.
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajjnuna

L-għan	Ir-riċerka u l-iżvilupp, Innovazzjoni
Il-forma tal-għajnuna	Għotja diretta
L-estimi	Baġit globali: CZK 2 394 miljun
L-intensità	100 %
It-tul ta' żmien	sal-31.12.2015
Setturi ekonomiċi	—
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Ministerstvo vnitra ČR Nad Štolou 3 170 34 Praha 7 ČESKÁ REPUBLIKA
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	22.12.2009
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	N 502/09
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun	Freie und Hansestadt Hamburg
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Richtlinie zur Förderung von Forschungs- und Entwicklungsvorhaben Hamburger Forschungsinstitute und zur Förderung von Netzwerken und Clustern
Il-bażi legali	§§ 23 und 44 der Haushaltsordnung der Freien und Hansestadt Hamburg und die dazu erlassenen Verwaltungsvorschriften sowie deren Anlagen. Hamburgisches Verwaltungsverfahrensgesetz (HmbVwVfG); Richtlinie zur Förderung von Forschungs- und Entwicklungsvorhaben Hamburger Forschungseinrichtungen, von Prozess- und Betriebsinnovationen im Dienstleistungssektor, von Innovationsberatungsdiensten und innovationsunterstützenden Dienstleistungen sowie von Netzwerken und Clustern.
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Ir-riċerka u l-iżvilupp
Il-forma tal-għajnuna	Għotja diretta
L-estimi	Baġit annwali: EUR 18 miljun Baġit globali: EUR 72 miljun
L-intensità	80 %
It-tul ta' żmien	sal-31.12.2013
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	—

Aktar informazzjoni	—
---------------------	---

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	17.12.2009
In-numru ta' referenza tal-ghajjnuna	N 680/09
Stat Membru	Ir-Rumanija
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Modification of N 478/09 Individual State Guarantee for Ford Romania S.A
Il-baži legali	Ministry of Public Finance Order No 138/2009 for the approval of the procedures on Government public debt concentration by issuing of State Guarantees
It-tip tal-miżura	Ghajjnuna individwali
L-għan	Ghajjnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija
Il-forma tal-ghajjnuna	Garanzija
L-estimi	Baġit globali: EUR 400 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	2009-2014
Setturi ekonomiċi	Vetturi bil-mutur
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-ghajjnuna	Ministry of Public Finance Str. Apolodor nr. 17, sector 5 București ROMÂNIA
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.5768 – Klöckner/Becker)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 47/04)

Fid-19 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f-forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32010M5768. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.5771 – CSN/CIMPOR)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 47/05)

Fil-15 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f-forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32010M5771. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

(Avviżi)

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

L-24 ta' Frar 2010

(2010/C 47/06)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3547	AUD	Dollaru Awstraljan	1,5191
JPY	Yen Ġappuniż	122,16	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4306
DKK	Krona Daniża	7,4427	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,5185
GBP	Lira Sterlina	0,87750	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,9588
SEK	Krona Żvediża	9,7850	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,9099
CHF	Frank Żvizzeru	1,4641	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 559,43
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,5358
NOK	Krona Norveġiża	8,0290	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	9,2485
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,2699
CZK	Krona Ċeka	25,880	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 616,76
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malażjan	4,6107
HUF	Forint Ungeriż	270,50	PHP	Peso Filippin	62,532
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	40,6900
LVL	Lats Latvjan	0,7093	THB	Baht Tajlandiż	44,753
PLN	Zloty Pollakk	3,9926	BRL	Real Brażiljan	2,4680
RON	Leu Rumun	4,1260	MXN	Peso Messikan	17,4655
TRY	Lira Turka	2,0958	INR	Rupi Indjan	62,6990

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni

(2010/C 47/07)



Wiċċ nazzjonali tal-munita k commemorattiva l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Spanja

Il-muniti euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Bl-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni qed tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet adottati rigward dan is-suġġett mill-Kunsill fl-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti euro, huma awtorizzati li joħorġu muniti euro commemorattivi maħsubin għaċ-ċirkolazzjoni b'ċerti kundizzjonijiet, notevolment li dawn ikunu biss muniti ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn simboliku qawwi k commemorattiv fuq livell nazzjonali jew Ewropew.

Pajjiż tal-ħruġ: Spanja

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Iċ-ċentru storiku ta' Kordova, patrimonju dinji tal-UNESCO

Deskrizzjoni tad-disinn:

Fin-nofs tal-wiċċ tal-munita hemm irrappreżentata l-Moskea l-Kbira li hi l-katedral ta' Kordova, minn ġewwa. Fuq in-naħa tax-xellug hemm il-marka taz-zekka. Fin-naħa ta' isfel hemm isem il-pajjiż li ħareġ il-munita u s-sena tal-ħruġ "ESPAÑA 2010".

Iċ-ċirku estern tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Il-kwantità ta' muniti maħruġin: 8 miljuni

Id-data tal-ħruġ: L-ewwel tliet xhur tal-2010.

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 dwar l-uċuħ nazzjonali kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linjigwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.01.2009, p. 52).

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

Ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE

(2010/C 47/08)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tikkunsidra li l-miżura li ġejja ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim tal-ŻEE:

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:	7 ta' Ottubru 2009
Numru tal-każ:	55120
Stat tal-EFTA:	In-Norveġja
Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju):	Għajnuna allegatament mogħtija b'konnessjoni mal-bejgħ ta' ishma fil-kumpanija Youngstorget 2 AS
Tip ta' miżura:	L-ebda għajnuna
Setturi ekonomiċi:	Ġestjoni ta' proprjetà kummerċjali
Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti:	Il-Muniċipalità ta' Oslo Rådhuset 0037 Oslo NORWAY
Tagħrif ieħor:	—

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet kull informazzjoni kunfidenzjali, huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

<http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/>

V

(Opinjoniġiet)

PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI

KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż ta' inizjazzjoni ta' revizzjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerti polyethylene terephthalate li joriġinaw, *inter alia*, fir-Repubblika tal-Korea

(2010/C 47/09)

Il-Kummissjoni rċeviet talba għal revizzjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-ħarsien kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ('ir-Regolament bażiku').

1. Talba għal revizzjoni

It-talba tressqet mill-Kumitat Polyethylene Terephthalate (PET) ta' PlasticsEurope (l-applikant), li jirrappreżenta seba' produttori tal-Unjoni.

It-talba hija limitata fl-ambitu għall-eżami tad-dumping sa fejn għandu x'jaqsam il-produttur esportatur KP Chemical Group, magħmul minn Honam Petrochemicals Corp. u KP Chemical Corp., ('KP Chemical Group'), u ta' ċerti aspetti tad-dannu.

2. Il-prodott

Il-prodott rivedut huwa l-polyethylene terephthalate bin-numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew aktar, skont l-Istandard ISO 1628-5, ikklassifikat taħt il-kodiċi NM 3907 60 20 u li joriġina fir-Repubblika tal-Korea ('il-prodott ikkonċernat').

3. Il-miżuri eżistenti

Il-miżuri fis-seħħ bħalissa huma dazju definittiv anti-dumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 192/2007 ⁽²⁾ fuq importazzjonijiet ta' polyethylene terephthalate li joriġinaw, *inter alia*, fir-Repubblika tal-Korea.

4. Ir-raġunijiet għar-reviżjoni

It-talba skont l-Artikolu 11(3) hija bbażata fuq evidenza *prima facie* ppreżentata mill-applikant, li, sa fejn għandu x'jaqsam KP

Chemical Group, iċ-ċirkustanzi li fuqhom ġew stabbiliti l-miżuri nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura dejjiema.

L-applikant pprovda xhieda *prima facie* li turi li, sa fejn għandu x'jaqsam KP Chemical Group, l-impożizzjoni ssoktata tal-miżura fuq il-livell ta' zero attwali, li ilha fis-seħħ minn Frar 2007 wara revizzjoni konġunta *interim* parzjali u ta' skadenza, mhix biżżejjed aktar biex tpatti għad-dumping attwali li qed jikkawża dannu. Tqabbil tal-valur normali kkostruwit tal-produttur esportatur u l-prezzijiet ta' esportazzjoni tiegħu lejn l-Unjoni juri l-eżistenza ta' livell sinifikanti ta' dumping.

L-applikant ressaq ukoll xhieda *prima facie* li l-esportazzjonijiet ta' KP Chemical Group lejn l-Unjoni kienu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u nbiegħu bi prezz anqas.

Għalhekk, l-impożizzjoni ssoktata tal-miżuri fil-livell eżistenti, li kienet imsejsa fuq il-livell ta' dumping stabbilit qabel, tidher li ma għadhiex biżżejjed biex tpatti għad-dumping li qed jikkawża dannu.

5. Il-proċedura

Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika t-tnedija ta' revizzjoni *interim* parzjali, il-Kummissjoni qiegħda b'dan tnedi revizzjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

L-investigazzjoni se tivvaluta l-ħtieġa għall-issuktur, it-tneħħija jew l-emendar tal-miżuri eżistenti attwali fir-rigward tal-produttur esportatur ikkonċernat. Bħala parti minn din il-valutazzjoni se tiġi investigata l-istqarrija li l-esportazzjonijiet ta' KP Chemical Group lejn l-Unjoni kienu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u nbiegħu bi prezz anqas.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 59, 27.2.2007, p. 1.

Fid-dawl ta' dak li jidher li huwa għadd kbir ta' produttori tal-Unjoni involuti f'din il-proċedura, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tapplika t-tehdid ta' kampjuni, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Jekk jinstab li l-miżuri għall-produttur esportatur ikkonċernat għandhom jiġu emendati, jista' jkun meħtieġ li tiġi emendata r-rata tad-dazju attwalment applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn kumpaniji li ma jissimmewx indiwalment fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 192/2007.

(a) *Il-kwestjonarji*

Sabiex tikseb it-tagħrif li tqis meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-produttur esportatur hawn fuq imsemmi, lill-industrija tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur ikkonċernat. Dan it-tagħrif u l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fiż-żmien stipulat fil-punt 6(a).

(b) *Il-ġbir ta' tagħrif u s-smiġħ ta' seduti*

Il-partijiet kollha interessati qegħdin b'dan jiġu mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom, jibagħtu tagħrif barra mit-tweġibiet għall-kwestjonarju u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Dan it-tagħrif u l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fiż-żmien stipulat fil-punt 6(a).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li dawn jagħmlu talba fejn juru li hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu. Din it-talba għandha ssir fiż-żmien stipulat fil-punt 6(b).

6. Iż-żmien preskritt

(a) *Biex il-partijiet jippreżentaw ruħhom, jibagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju u kull informazzjoni oħra*

Il-partijiet interessati kollha, jekk iridu li l-ilmenti tagħhom jitqiesu matul l-investigazzjoni, iridu jippreżentaw lilhom infushom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, jippreżentaw l-opinjoni tagħhom u jressqu t-tweġibiet tal-kwestjonarju jew kwalunkwe informazzjoni oħra fiż-żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Qed tingħbed l-attenzjoni li l-eżerċizzju ta' ħafna mid-drittijiet proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku jiddependi minn jekk il-parti jippreżentaw lilha nnifisha fil-perjodu msemmi qabel.

(b) *Seduti ta' smiġħ*

Il-partijiet interessati kollha jistgħu wkoll japplikaw biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum.

7. Is-sottomissjonijiet bil-miktub, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza

Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub (mhux b'format elettro-

niku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefont u tal-feks tal-parti interessata. Is-sottomissjonijiet bil-miktub kollha, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan l-avviż, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza mogħtija mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati bħala "Ristretti" ⁽¹⁾ u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandhom ikunu akkumpanjati minn verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata bħala "Għall-ispezzjoni mill-Partijiet Interessati".

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N105 04/92
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Feks +32 22956505

8. Nuqqas ta' kooperazzjoni

F'każijiet fejn kwalunkwe parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fiż-żmien preskritt, jew tfixx l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, ir-riżultati, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, abbażi tal-fatti disponibbli.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni għandha titwarrab u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss b'mod parzjali, u jsir użu mill-fatti disponibbli, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

9. L-iskeda tal-investigazzjoni

L-investigazzjoni se tasal fi tmiem, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku fiż-żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

10. Ipproċessar ta' dejta personali

Ta' min jinnota li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Dan ifisser li d-dokument ikun għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim Anti-dumping).

⁽²⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

11. L-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ

Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ tad-DĠ Kummerċ. Dan jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn ikun hemm bżonn, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'din il-proċedura, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajls, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament tas-sottomissjonijiet tal-fehmiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni fuq l-internet tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ fuq il-websajt tad-DĠ Trade (<http://ec.europa.eu/trade>).

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5554 – HAVI/KeyLux/STI Freight JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 47/10)

1. Fis-17 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża HAVI Global Logistics GmbH ("HAVI", il-Ġermanja), proprjetà tal-HAVI Group LP (l-Istati Uniti), u McKey Luxembourg S.à.r.l ("KeyLux", il-Lussemburgu), proprjetà ta' Keystone Group (l-Istati Uniti), jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża STI Freight Management GmbH ("STI Freight", il-Ġermanja), permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija stabbilita ġdida li tikkostitwixxi kumpanija bi sħab.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal HAVI: loġistika u distribuzzjoni tal-ikel u affarijiet oħra barra l-ikel, tal-ipproċessar tal-ikel kif ukoll servizzi amministrattivi u kumerċjalizzazzjoni promozzjonali,
 - għal KeyLux: it-twassil ta' merkanzija, loġistika u distribuzzjoni fis-settur tal-ikel,
 - għal STI Freight: it-teħid tal-attivitajiet ta' kumpaniji tal-"STI Global Network" fis-settur tat-twassil ta' merkanzija tal-ikel/affarijiet mhux tal-ikel.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5554 – HAVI/KeyLux/STI Freight JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

ATTI OĦRAJN

KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż rigward talba skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE

Talba mingħand entità kontraenti

(2010/C 47/11)

Fil-15 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali⁽¹⁾. L-ewwel ġurnata tax-xogħol wara l-wasla tat-talba kienet is-16 ta' Frar 2010.

Din it-talba, li waslet mingħand Compagnia Valdostana delle Acque S.p.A., tirrigwarda l-produzzjoni u l-bejgħ tal-elettriku fl-Italja. L-Artikolu 30 imsemmi hawn fuq jistipula li d-Direttiva 2004/17/KE ma tapplikax meta l-attività konċernata hi esposta direttament għal kompetizzjoni fi swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex limitat. L-evalwazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet għandha ssir esklussivament skont id-Direttiva 2004/17/KE, u ma tippreġudikax l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tliet xhur żmien mill-ġurnata tax-xogħol imsemmija hawn fuq biex tieħu deċiżjoni dwar din it-talba. Għaldaqstant, id-data tal-iskadenza hija s-16 ta' Mejju, 2010.

Dan il-perjodu jista' eventwalment jittawwal bi tliet xhur. Estensjoni bħal din tiġi ppubblikata.

Skont l-Artikolu 30(6), it-tieni subparagrafu, talbiet ġodda rigward il-produzzjoni u l-bejgħ tal-elettriku fl-Italja li jitressqu qabel l-iskadenza tal-perjodu previst għat-talba preżenti, ma jitqisux li jagħtu lok għal proċedimenti ġodda iżda jkunu trattati fil-qafas ta' din it-talba.

⁽¹⁾ ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.

V Opinjonijiet

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Kummissjoni Ewropea

2010/C 47/09	Avviż ta' inizjazzjoni ta' reviżjoni <i>interim</i> parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerti polyethylene terephthalate li joriġinaw, <i>inter alia</i> , fir-Repubblika tal-Korea	24
--------------	---	----

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Kummissjoni Ewropea

2010/C 47/10	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5554 – HAVI/KeyLux/STI Freight JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	27
--------------	---	----

ATTI OĦRAJN

Kummissjoni Ewropea

2010/C 47/11	Avviż rigward talba skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE – Talba mingħand entità kontraenti	28
--------------	---	----



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

